

Rapport Speċjali

L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - IX
Introduzzjoni	01 - 15
Ambitu u approċċ tal-awditjar	16 - 21
Osservazzjonijiet	22 - 145
L-azzjoni li ttieħdet mill-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-Greċja u fl-Italja kienet rilevanti iżda ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha	22 - 101
Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin qed jiġu implimentati fil-hotspots Griegi, u r-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' twettqu bis-sħiħ	23 - 30
Ir-reġistrazzjoni, it-teħid tal-marki tas-swaba' u l-ġbir ta' informazzjoni tal-migranti kollha fil-hotspots u lil hinn minnhom	31 - 34
L-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza ma laħqux il-miri u l-objettiv prinċipali tagħhom	35 - 53
Proġetti eżaminati taħt l-assistenza ta' emerġenza u l-programmi nazzjonali taħt l-AMIF indirizzaw il-ħtiġijiet identifikati, iżda ma laħqux kompletament il-miri tagħhom	54 - 82
Is-sostenn operazzjonali tal-aġenziji tal-UE ma ġiex sfruttat kompletament	83 - 101
Minkejja ż-żieda fil-kapaċità, iż-żminijiet tal-ipproċessar tal-asil għadhom twal u r-ritorni ta' migranti irregolari jibqgħu ftit	102 - 145
Is-sistema ta' asil tal-Greċja hija kollha kemm hi mgħobbija żżejjed, minkejja żieda kbira fil-kapaċità tal-ipproċessar	104 - 118
Fl-Italja, l-akkumulazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-asil tingħadda lill-awtoritajiet tal-appell li huma mgħobbija żżejjed	119 - 129
Ir-ritorn effettiv tal-migranti irregolari jibqa' problematiku fl-UE kollha	130 - 145
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	146 - 166

Annessi

Anness I - Implimentazzjoni finanzjarja (f' miljun EUR)

Anness II - Valutazzjoni fil-qosor ta' kampjun ta' 20 azzjoni ta' appoġġ mill-UE fil-Greċja u fl-Italja

Anness III - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-approċċ hotspot

Anness IV - Implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni u tal-Aġenziji

Tim tal-awditjar

Kronoloġija

Sommarju eżekuttiv

I Fi snin reċenti, l-UE esperjenzat livelli ta' migrazzjoni li huma mingħajr preċedent, kif ukoll żieda sussegwenti fl-applikazzjonijiet għall-asil, imbagħad is-sitwazzjoni reġgħet lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi.

II Fl-2017, aħna ppubblikajna rapport dwar il-hotspots stabbiliti fil-Greċja u fl-Italja, li jservu bħala l-ewwel ċentri ta' akkoljenza fejn il-migranti li jaslu jiġu identifikati, irreġistrati u jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Il-Parlament Ewropew approva l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport u talabna biex nikkunsidraw li nwettqu segwitu rapidu li jinkludi analiżi tal-proċeduri ta' rilokazzjoni, ta' asil u ta' ritorn.

III F'dan l-awditu, aħna vvalutajna jekk l-azzjoni ta' appoġġ li ġiet iffinanzjata mill-UE favur il-Greċja u l-Italja kinitx laħqet l-oġettivi tagħha, u jekk il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn kinux effettivi u rapidi. Aħna vvalutajna wkoll jekk l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza kinux laħqu l-miri u l-oġettivi tagħhom. Aħna nikkonkludu li hemm disparitajiet bejn l-oġettivi tal-appoġġ li ngħata mill-UE u r-risultati li nkisbu. Minkejja li kien hemm żieda fil-kapaċità tal-awtoritajiet Griegi u Taljani, l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' asil fil-Greċja u fl-Italja qed tkompli tiġi affettwata minn żminijiet tal-ipproċessar li huma twal u minn konġestjonijiet. Bħal fil-bqija tal-UE, l-ammont ta' ritorni mill-Greċja u mill-Italja huwa baxx.

IV Aħna sibna li r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport speċjali tagħna tal-2017 kienu ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti jew kienu qed jiġu implimentati u, fejn dan ma kienx il-każ, aħna stabbilejna r-raġunijiet. Ir-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-migranti fil-hotspots kienu tjiebu b'mod sinifikanti. Madankollu, l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza ma laħqux il-miri tagħhom u, għaldaqstant, naqsu milli jtaffu b'mod effettiv il-persjoni fuq is-sistemi ta' asil Griegi kif ukoll dawk Taljani.

V Aħna eżaminajna 20 azzjoni ta' appoġġ li ttieħdu mill-UE fil-Greċja u fl-Italja. Għalkemm dawn indirizzaw il-ħtiġijiet identifikati, aħna sibna dgħufijiet fit-tfassil tagħhom. Sibna wkoll li l-biċċa l-kbira mill-proġetti li analizzajna ma kinux laħqu l-miri tagħhom kompletament. Aħna ħadna inkunsiderazzjoni l-qafas ta' ġestjoni tal-prestazzjoni u sibna li dan ġie stabbilit tard u li ma kien jinkludi l-ebda mira. Barra minn hekk, id-*data* dwar il-prestazzjoni disponibbli ma kinitx biżżejjed.

VI Aħna vvalutajna l-impatt tal-azzjoni ta' appoġġ li ttieħdet mill-UE fil-livell nazzjonali billi eżaminajna jekk il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn kinux saru aktar rapidi u effettivi. Aħna sibna li l-kapaċità ta' pproċessar tal-każijiet ta' asil kienet żdiedet kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja, iżda li din kienet għadha mhix suffiċjenti biex tindirizza l-akkumulazzjoni li dejjem qed tiżdied ta' applikazzjonijiet fil-Greċja. Peress li l-għadd ta' applikazzjonijiet ġodda fl-Italja huwa inqas, l-akkumulazzjoni qed tonqos, iżda l-kapaċità ta' pproċessar tal-għadd kbir ta' appelli għall-ewwel deċiżjoni mhix suffiċjenti.

VII L-għadd ta' migranti li fil-fatt jiġu rritornati huwa ferm inqas mid-deċiżjonijiet ta' ritorn li jittieħdu, kemm fil-Greċja u fl-Italja kif ukoll fl-UE kollha kemm hi. Aħna identifikajna raġunijiet għal din is-sitwazzjoni; pereżempju: it-tul taż-żmien meħtieġ għall-ipproċessar tal-każijiet ta' asil, il-kapaċità insuffiċjenti fiċ-ċentri ta' detenzjoni, il-kooperazzjoni diffiċli mal-pajjiż ta' oriġini tal-migranti, jew migranti li sempliċment jaħarbu ladarba tittieħed deċiżjoni biex dawn jintbagħtu lura.

VIII L-entitajiet prinċipali tagħna kienu l-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (li spiss tissejjaħ "Frontex"). Barra minn hekk, aħna żorna lill-awtoritajiet nazzjonali, u lil organizzazzjonijiet internazzjonali u nongovernattivi li jimplementaw proġetti ffinanzjati mill-UE.

IX B'riżultat tal-awditu tagħna, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tal-UE u l-aġenziji:

- jużaw it-tagħlimiet meħuda biex jibnu fuq l-esperjenza għall-fini ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' rilokazzjoni volontarja li jista' jkun hemm fil-futur;
- isaħħu l-ġestjoni tal-assistenza ta' emerġenza u tal-programmi nazzjonali taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni;
- itejbu s-sostenn operazzjonali pprovdut mill-EASO għall-proċeduri ta' asil;
- jaġġustaw l-appoġġ għar-ritorn u l-istazzjonament tal-esperti fil-hotspots min-naħa tal-Frontex;
- jirrinforzaw il-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali ta' asil;
- jappoġġaw ulterjorment il-proċeduri nazzjonali ta' ritorn.

Introduzzjoni

01 Fi snin reċenti, l-UE esperjenzat livelli ta' migrazzjoni li huma mingħajr preċedent kif ukoll żieda sussegwenti fl-applikazzjonijiet għall-asil. Il-kriżi tal-migrazzjoni laħqet il-quċċata tagħha fl-2015, meta aktar minn miljun persuna wettqu l-vjaġġ perikoluż bil-baħar lejn l-Ewropa, imbagħad is-sitwazzjoni reġgħet lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi.

02 Din iż-żieda f'daqqa fil-migrazzjoni kienet tirrappreżenta sfida għall-qafas tal-UE dwar l-asil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni. L-arranġamenti stabbiliti ġew taħt pressjoni kbira, u saħansitra ġew sospiżi temporanjament f'xi każijiet. Billi huma l-aktar esposti, il-Greċja u l-Italja għandhom piż sproporzjonat.

03 Bil-ħsieb li tindirizza l-kriżi, l-UE fasslet bosta miżuri li jissupplimentaw il-finanzjament li jingħata lill-Istati Membri taħt il-politika tagħha dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' "hotspots" u l-introduzzjoni ta' skemi ta' rilokazzjoni temporanja. Barra minn hekk, hija ħarġet proposti leġiżlattivi biex tiġi riformata s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Fil-qalba ta' din ir-riforma hemm ir-reviżjoni tal-mekkaniżmu Dublin III, li jobbliga lill-applikanti għall-asil biex iressqu applikazzjoni fil-pajjiż li minnu jkunu daħlu l-ewwel fl-Unjoni. Ir-reviżjoni proposta tiegħu – ir-Regolament ta' Dublin IV – tinkludi sistema ta' rilokazzjoni permanenti li tissostitwixxi l-iskemi ta' distribuzzjoni temporanji bbażati fuq il-kwoti li skadew f'Settembru 2017. Il-Kunsill għadu ma laħaqx kunsens fir-rigward ta' din il-proposta.

04 Skont l-approċċ hotspot, l-aġenziji tal-UE (prinċipalment l-EASO, il-Frontex u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi) jassistu fuq il-post lill-Istati Membri l-aktar esposti, fl-identifikazzjoni, fir-reġistrazzjoni, fit-teħid tal-marki tas-swaba' u fil-ġbir ta' informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-migranti l-ġodda li jaslu, sabiex jaċċertaw liema huma dawk li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali. Bejn l-2015 u l-2018, kien hemm ħames hotspots fil-Greċja u ħamsa oħra fl-Italja (il-[Figura 1](#)). Minħabba l-għadd baxx ta' wasliet, il-hotspot fi Trapani ġiet ikkonvertita f'ċentru ta' detenzjoni f'Ottubru 2018.


Figura 1 – Hotspots fil-Greċja u fl-Italja



© L-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

05 Il-Greċja u l-Italja japplikaw l-approċċ hotspot b' mod differenti. Meta jirreġistraw u jidentifikaw lill-migranti irregolari, it-tnejn li huma jirreġistraw jekk il-persuna li tkun waslet tkunx biĥsiebha titlob protezzjoni internazzjonali. Fl-Italja, dawk li jagħmlu hekk jiġu ttrasferiti b' xarabank jew b' dgħajsa lejn faċilitajiet ta' akkoljenza madwar l-Italja. B' kuntrast ma' dan, b' segwitu għad-dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016, il-migranti fuq il-gżejjer Griegi (għajr il-persuni vulnerabbli, il-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja u s-Sirjani ammissibbli) huma obbligati li jibqgħu fuq il-gżira tal-hotspot (taħt l-hekk imsejħa "restrizzjoni ġeografika") matul il-proċedura kollha ta' asil, inkluż kwalunkwe appell (il-[Figura 2](#)).

Figura 2 – Stampa ġenerali tal-attivitajiet tal-hotspots fil-Greċja u fl-Italja



Sors: II-QEA.

06 L-iskemi ta' rilokazzjoni temporanja ġew introdotti minn żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill f'Settembru 2015¹. L-iskemi, li kienu operazzjonali mill-24 ta' Marzu 2015 sas-26 ta' Settembru 2017, kellhom l-għan li jirrilokaw 160 000 migrant, fuq il-bażi ta' kwoti, biex il-piż jiġi kondiviż fost l-Istati Membri, u b'hekk tittaffa l-pressjoni fuq l-ewwel pajjiżi ta' dħul.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754 tad-29 ta' Settembru 2016). Il-legalità ta' dawn id-deċiżjonijiet ġiet ikkonfermata fid-deċiżjoni 2017/C 374/05 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-kawżi konġunti mressqa mis-Slovakkja u mill-Ungerija fil-konfront tal-Kunsill.

07 Politika ta' ritorn effettiva tikkostitwixxi parti neċessarja minn politika komprensiva u leġittima dwar il-migrazzjoni. Fi tmiem l-2010, daħlet fis-seħħ id-Direttiva tal-UE dwar ir-Ritorn, li stabbiliet regoli komuni għar-ritorn ta' migranti li jibqgħu f'pajjiż b'mod irregolari. Il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni ta' din id-direttiva f'Settembru 2018².

08 Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) jipprovdi l-maġġoranza tal-fondi tal-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-AMIF ġie stabbilit għall-perjodu 2014-2020 biex jipromwovi l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, u biex jimplimenta u jsaħħaħ il-politika komuni tal-UE dwar l-asil u l-immigrazzjoni.

09 Il-biċċa l-kbira mill-finanzjament taħt l-AMIF jitwassal permezz ta' ġestjoni kondiviża biex jiġu appoġġati l-programmi nazzjonali pluriennali tal-Istati Membri. Dawn il-programmi huma kofinanzjati mill-Istati Membri, li huma responsabbli għat-tnejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, ir-riżorsi tal-AMIF jiffinanzjaw l-assistenza ta' emerġenza. Immaniġġjata jew direttament mill-Kummissjoni jew inkella indirettament minn organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-assistenza tiġi ffinanzjata kważi għalkollox mill-baġit tal-UE.

10 L-EASO jgħin lill-awtoritajiet Griegi u dawk Taljani abbażi ta' pjanijiet operattivi annwali. Fl-2018, fil-Greċja, l-EASO għen fir-reġistrazzjoni u fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-asil fil-fruntiera, u pprovdha appoġġ għall-proċedura regolari ta' asil, għall-awtoritajiet tal-appell u għall-Unità ta' Dublin. Fl-Italja, l-EASO pprovdha lill-migranti fil-hotspots b'informazzjoni dwar l-asil, għen fir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-asil, u appoġġa lill-kummissjonijiet nazzjonali u territorjali tal-asil kif ukoll lill-Unità ta' Dublin.

11 Barra minn hekk, l-EASO kien involut fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-asil, fit-titjib tas-sistema ta' akkoljenza u fil-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli, inklużi l-minorenni mhux akkumpanjati.

² Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni), COM(2018) 634 final tat-12 ta' Settembru 2018.

12 Fuq talba tal-Istati Membri, il-Frontex tikkoordina r-ritorn ta' migranti irregolari li ma jkunux eliġibbli għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju tagħhom. Iċ-Ċentru Ewropew tagħha għar-Ritorni jipprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri u lill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, kemm matul l-operazzjonijiet ta' qabel ir-ritorn kif ukoll matul dawk ta' ritorn.

13 Mill-2006 sal-2016, il-Frontex ikkoordinat operazzjonijiet konġunti fuq titjiriet charter. Fl-2016, il-mandat tagħha ġie estiż għall-organizzazzjoni/koordinazzjoni ta' operazzjonijiet nazzjonali ta' ritorn. F'Diċembru 2017, hija bdiet tappoġġa wkoll ritorni fuq titjiriet kummerċjali skedati.

14 Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-fondi tal-AMIF, l-EASO u l-Frontex tingħata fl-[Anness I](#).

15 Fl-2017, aħna ppubblikajna rapport³ dwar il-hotspots fil-Greċja u fl-Italja. Il-Parlament Ewropew approva l-konklużjonijiet tiegħu⁴ u talab lill-Qorti biex *“tikkunsidra rapport ta' segwitu malajr dwar il-funzjonament tal-hotspots, bl-adozzjoni ta' skop usa' billi tinkludi wkoll analiżi tal-proċeduri ta' segwitu, jiġifieri l-asil, ir-rilokazzjoni u l-proċeduri ta' ritorn”*. Dan ir-rapport iwieġeb għal dik it-talba.

³ Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2017: “Ir-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati: l-approċċ ‘hotspot’”.

⁴ Id-Dokument ta' Ħidma tal-PE (CONT) PE604.614v01-00.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

16 L-objettiv ta' dan l-awditu tal-prestazzjoni kien li jiġi ddeterminat jekk l-appoġġ tal-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni (inkluż l-approċċ hotspot) kienx għen biex jiġu stabbiliti proċeduri ta' asil u ta' ritorn effettivi u rapidi kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja. Biex inwieġbu għal din il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar, aħna indirizzajna żewġ sottomistoqsijiet:

- (a) L-azzjoni ta' appoġġ li ġiet iffinanzjata mill-UE favur il-Greċja u l-Italja laħqet l-objettivi tagħha?

Biex inwieġbu għal din is-sottomistoqsija, aħna vvalutajna jekk ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fir-Rapport Speċjali Nru 6/2017 kinux ġew implimentati, u jekk l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza kinux laħqu l-objettivi tagħhom. Aħna vvalutajna wkoll ir-rilevanza u t-tfassil ta' kampjun ta' azzjonijiet ta' appoġġ li ġew iffinanzjati mill-UE, u analizzajna jekk l-outputs ipplanati kinux inkisbu u jekk l-objettivi tagħhom kinux intlaħqu.

- (b) Il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn fl-Italja u fil-Greċja kienu effettivi u rapidi?

Biex inwieġbu din is-sottomistoqsija, aħna eżaminajna jekk kienx hemm titjib fil-prestazzjoni tal-proċeduri ta' asil u ta' ritorn fiż-żewġ Stati Membri mill-2015 'il hawn. Aħna analizzajna l-prestazzjoni abbażi tad-*data* li nġabret mill-Kummissjoni, mill-EASO, mill-Frontex u mill-awtoritajiet nazzjonali, u identifikajna r-raġunijiet għal kull prestazzjoni insuffiċjenti.


17 L-awditu kopra l-perjodu mill-2015 (meta bdiet il-kriżi tal-migrazzjoni u ġew stabbiliti l-ewwel hotspots fil-Greċja u fl-Italja) sa tmiem l-2018.

18 Il-kampjun tagħna ta' azzjonijiet ta' appoġġ iffinanzjati mill-UE kien jinkludi 6 proġetti ta' assistenza ta' emerġenza tal-AMIF (EMAS taħt l-AMIF) u 10 proġetti tal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF (NP taħt l-AMIF). Aħna eżerċitajna l-ġudizzju professjonali tagħna meta għażilna l-proġetti biex niżguraw kopertura bilanċjata tal-proċeduri awditjati (asil, għajr l-akkoljenza, rilokazzjoni u ritorn) u tat-tipi ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni (aġenziji tan-NU jew awtoritajiet nazzjonali), filwaqt li qisna wkoll il-materjalità finanzjarja u l-perjodu ta' implimentazzjoni. Fost l-azzjoni ta' appoġġ mill-UE li ġew eżaminati kien hemm inkluż is-sostenn operazzjonali pprovdut mill-EASO fl-2018 għall-proċeduri ta' asil fil-Greċja u fl-Italja, kif ukoll l-appoġġ għar-

ritorn li ngħata mill-Frontex favur il-Greċja u l-Italja fl-2018. Il-lista sħiħa ta' proġetti awditjati tingħata fl-[Anness II](#).

19 L-entitajiet prinċipali li awditjajna kienu l-Kummissjoni Ewropea, l-EASO u l-Frontex, bħala l-fornituri ta' appoġġ mill-UE għall-proċeduri ta' asil, ta' rilokazzjoni u ta' ritorn (ara wkoll il-[Figura 3](#)). Barra minn hekk, aħna żorna kemm l-awtoritajiet kif ukoll il-hotspots Griegi u dawk Taljani, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u nongovernattivi li jimplimentaw proġetti taħt l-AMIF fil-Greċja u fl-Italja. Ix-xogħol tal-awditjar kien jinkludi analiżijiet dokumentarji ta' direttivi u regolamenti, strateġiji, dokumenti ta' politika, linji gwida, evalwazzjonijiet, rapporti ta' monitoraġġ u dokumenti interni, kif ukoll dokumenti ppubblikati minn awtoritajiet nazzjonali, korpi ta' riċerka, akkademiċi u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

Figura 3 – Ambitu tal-awditu



Sors: Il-QEA.

Hotspots

Rilokazzjoni

Finanzjament
taħt l-AMIF

Aġenziji tal-UE

Asil fil-Greċja

Asil fl-Italja

Ritorni

20 Aħna ma vvalutajniex il-validità tad-deċiżjonijiet individwali li ttieħdu fir-rigward tal-asil u r-ritorn, peress li kieku dan ikun jinvolvi li wieħed jidħol fil-merti ta' każijiet individwali, u dan jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi/ġudizzjarji nazzjonali u, fl-aħħar stadju, tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

21 L-għan tal-awditu ma kienx li tiġi vvalutata l-affidabbiltà tad-*data* statistika pprovduta mill-Kummissjoni, mill-EASO, mill-Frontex, mill-awtoritajiet nazzjonali jew mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-proġetti.

Osservazzjonijiet

L-azzjoni li ttieħdet mill-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-Greċja u fl-Italja kienet rilevanti iżda ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha

22 Aħna eżaminajna jekk:

- (a) ir-rakkomandazzjonijiet tagħna fir-Rapport Speċjali Nru 6/2017 kinux ġew implimentati;
- (b) il-migranti irregolari l-ġodda kollha kinux ġew irreġistrati u jekk kinux itteħdulhom il-marki tas-swaba', kemm fil-hotspots kif ukoll barra minnhom;
- (c) l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza kinux laħqu l-miri u l-oġettiv tagħhom;
- (d) l-20 azzjoni ta' appoġġ li ttieħdu mill-UE li ġew eżaminati fil-Greċja u fl-Italja kinux imfassla sew fid-dawl (i) tar-rilevanza tagħhom biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati, (ii) tal-oġettivi SMART u tal-indikaturi RACER; (iii) tan-nuqqas ta' trikkib ma' attivitajiet oħra ffinanzjati mill-UE; (iv) tas-sitwazzjoni ta' emerġenza (għall-proġetti EMAS taħt l-AMIF), u (v) tal-istrateġija ta' tranżizzjoni minn programmi ta' emerġenza għal kwalunkwe programm nazzjonali fuq terminu itwal stabbilit;
- (e) l-20 azzjoni ta' appoġġ li ttieħdu mill-UE li ġew eżaminati kinux kisbu dak li kien ippjanat;
- (f) kienx hemm stabbilit qafas robust ta' monitoraġġ u ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni.

Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin qed jiġu implimentati fil-hotspots Griegi, u r-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' twettqu bis-sħiħ

23 Aħna vvalutajna l-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot fil-Greċja u fl-Italja fir-Rapport Speċjali 6/2017 u għamilna 11-il rakkomandazzjoni, li ġew aċċettati kollha kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-aġenziji rilevanti. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, huma implimentaw sitta bis-sħiħ.

24 Żewġ rakkomandazzjonijiet ewlenin qed jiġu implimentati: 1.1 (appoġġ fl-indirizzar tan-nuqqas ta' kapaċità tal-hotspots fil-Greċja) u 2.1 (għajnuna biex jiġi żgurat li minorenni mhux akkumpanjati jiġu ttrattati f'konformità mal-istandards internazzjonali). Għal dak li jirrigwarda l-Kummissjoni u l-Aġenziji, ġew implimentati żewġ rakkomandazzjonijiet: 2.2 (l-insistenza li jinħatar uffiċjal għall-protezzjoni tat-tfal għal kull hotspot) u 3.1 (jiġu mitluba aktar esperti mill-Istati Membri biex il-ħtiġijiet tal-hotspots jiġu koperti aħjar). Rakkomandazzjoni waħda – 3.2 (jenħtieġ li l-istazzjonament ta' esperti mill-Istati Membri jkun twil biżżejjed) – ma ġietx implimentata. Aħna nippreżentaw valutazzjoni dettaljata fl-**Annex III** u fil-paragrafi **25** sa **30** hawn taħt.

Il-hotspots Griegi għandhom nuqqas ta' kapaċità

25 Il-hotspots Taljani huma vojta jew kważi vojta, nodfa u mgħammra sew. B'kuntrast qawwi, il-kundizzjonijiet ta' għajxien fil-hotspots Griegi, b'mod partikolari f'Lesbos u f'Samos, huma ħżiena minħabba affollament eċċessiv, nuqqas ta' tobba u sigurtà inadegwata. Il-hotspots f'Lesbos u f'Samos, li għandhom kapaċità għal 3 100 u 640 migrant, kienu qed jospitaw 5 096 u 3 745 persuna, rispettivament, fi żmien iż-żjara tal-awditjar li wettaqna fi Frar 2019. Ħafna minnhom kienu qed jgħixu f'tined barra mill-perimetru tal-hotspot (**l-Istampa 1**). Il-proċeduri ta' akkwist bil-mod, l-eżekuzzjoni mdewma ta' proġetti ta' manutenzjoni u ta' titjib, il-wasliet kontinwi ta' migranti ġodda u l-proċeduri ta' asil twal flimkien jippreżentaw ostaklu għal kwalunkwe titjib rapidu fis-sitwazzjoni⁵.

⁵ Ara wkoll l-Opinjoni 3/2019 tal-FRA: Update of the 2016 Opinion of the European Union Agency for Fundamental Rights on fundamental rights in the 'hotspots' set up in Greece and Italy (Aġġornament tal-Opinjoni tal-2016 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar id-drittijiet fundamentali fil-"hotspots" stabbiliti fil-Greċja u fl-Italja).

Stampa 1 – Tined improvvizati barra mill-perimetru tal-hotspot f'Lesbos, il-Greċja (Frar 2019)



Sors: II-QEA.

Il-kundizzjonijiet għall-minorenni mhux akkumpanjati huma terribbli

26 Il-kundizzjonijiet għall-minorenni mhux akkumpanjati fil-gżejjer Griegi huma terribbli (il-*Kaxxa 1*).

Kaxxa 1

Minorenni mhux akkumpanjati fil-hotspot f'Samos

F'Samos, aħna żorna t-taqsimi tal-hotspot li fiha hemm il-minorenni. Hija kellha seba' kontejners, kull wieħed minnhom b'kamra tal-banju waħda u żewġ ikmamar tas-salott. Xi wħud mill-kontejners ma kellhomx bibien, twieqi, sodod jew kundizzjonaturi tal-arja. Il-kapaċità uffiċjali ta' kull kontejner kienet ta' 8-10 minorenni, iżda f'kull wieħed minnhom kienu qed jgħixu madwar 16-il minorenni mhux akkumpanjati li saħansitra kienu qed jorqdu mal-art. It-taqsimi riżervata għall-minorenni kienet tospita subien biss. F'tined jew fi djar żdingati u abbandunati barra mill-hotspot, f'estensjonijiet mhux uffiċjali għall-faċilità, kien hemm 78 minorenni mhux akkumpanjati. Jorqdu mal-art kien hemm disat ibniet mhux akkumpanjati f'kontejner ta' 10 m² maġenb l-uffiċċju tal-pulizija, bl-ebda kamra tal-banju jew doċċa.

27 Fl-Italja, il-fokus inbidel għas-sitwazzjoni fuq il-baħar, billi xi bastimenti tas-salvataġġ ma tħallewx jittrakkaw billi ma kellhomx post tal-iżbark awtorizzat. Id-dewmien fl-iżbark affettwa wkoll lil ħafna tfal, inklużi minorenni mhux akkumpanjati li ilhom bejn sema u ilma għal jiem u xi drabi anki għal ġimgħat sħaħ⁶.

L-istazzjonament tal-esperti mill-EASO u mill-Frontex mhuwiex allinjat kompletament mal-ħtiġijiet tal-hotspots

28 Aħna osservajna nuqqas kostanti ta' esperti nazzjonali biex jaħdmu fuq l-operazzjonijiet tal-EASO. B'kuntrast ma' dan, il-Frontex kellha biżżejjed persunal mill-Istati Membri bis-saħħa tal-pjanijiet annwali ta' stazzjonament tagħha. Fi żmien iż-żjara tagħna fl-Italja, il-Frontex fil-fatt kellha aktar persunal milli meħtieġ stazzjonat fil-hotspots, billi ma kinitx aġġustat il-pjan tagħha minħabba livell baxx ta' wasliet bil-baħar u għalhekk kienet qed iżżomm preżenza permanenti ta' persunal fil-hotspots (persuni għall-iskrinjar, esperti tad-debriefing, esperti tat-teħid tal-marki tas-swaba'), anke jekk il-hotspots kienu vojta (il-[Kaxxa 2](#)).

⁶ Il-valutazzjoni tal-faċilitajiet ta' akkoljenza, l-aċċess għal protezzjoni internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja – fejn il-biċċa l-kbira mill-migranti salvati minn fuq il-baħar fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali jiġu rritornati – ma jaqgħux taħt l-ambitu ta' dan l-awditu.

Kaxxa 2

Stazzjonament ta' esperti mill-Frontex fil-hotspots Taljani

Matul iż-żjara tal-awditjar li wettaqna fi Frar 2019, disa' membri tal-persunal tal-Frontex kienu stazzjonati fil-hotspot vojta f'Pozzallo. Fin-nuqqas ta' migranti, dawn prinċipalment kienu qed ifittxu fuq il-midja soċjali netwerks li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali. F'Messina, il-membri tal-persunal tal-Frontex kienu qed jgħinu lill-pulizija lokali biex jirreġistraw l-applikazzjonijiet għall-asil, għalkemm din mhijiex l-attività ewlenija tal-Frontex.

Il-persunal tal-Frontex li jipprovdi appoġġ lingwistiku kien diġà ġie kkonvertit f'timijiet mobbli, iżda skont il-pjan operattiv għall-2019 kien mistenni li jkun hemm preżenza permanenti tal-esperti l-oħra kollha f'kull hotspot (8-10 fl-istaġun inqas intensiv, 8-12 fl-istaġun l-aktar intensiv) sa Jannar 2020. Fl-Italja, minħabba li ftit li xejn kienu qed jaslu migranti bil-baħar, dan ma kienx iġġustifikat. Dan kien partikolarment il-każ għall-esperti tat-teħid tal-marki tas-swaba', li ma kellhomx aċċess għad-database nazzjonali tat-teħid tal-marki tas-swaba', u dan illimita l-valur miżjud tagħhom għall-provvediment ta' assistenza bażika lill-uffiċjali tal-pulizija Taljani matul il-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba'.

29 Id-durata medja tal-istazzjonament tal-esperti nazzjonali għadha qasira, kemm għall-EASO kif ukoll għall-Frontex.

30 Il-profil tal-esperti mill-EASO ġeneralment jikkonformaw mar-rekwiżiti, għalkemm hemm nuqqas ta' esperti ta' livell għoli li jkunu esperjenzati. Il-profil tal-esperti mill-Frontex kienu jaqblu mar-rekwiżiti wkoll, għalkemm sehem għoli⁷ ta' esperti mill-Frontex għall-operazzjonijiet ta' riammissjoni lejn it-Turkija kellhom biss profil ta' skorta; dan mhuwiex allinjat kompletament mal-ħtiġijiet tal-hotspots. B'medja ta' operazzjoni waħda ta' ritorn fil-ġimgħa, li ddum jum tax-xogħol wieħed, dawn l-iskorti bi profil wieħed ma jistgħux jintużaw għal xi tip ieħor ta' operazzjoni tal-Frontex fis-sitt ijiem l-oħra tal-ġimgħa.

⁷ 2016: 81.8 %, 2017: 65.7 %, 2018: 54.0 %.

Ir-reġistrazzjoni, it-teħid tal-marki tas-swaba' u l-għbir ta' informazzjoni tal-migranti kollha fil-hotspots u lil hinn minnhom

31 Ir-rati ta' reġistrazzjoni u ta' teħid tal-marki tas-swaba'⁸ tjiebu b'mod sinifikanti, billi l-approċċ hotspot fil-Greċja u fl-Italja stabbilixxa proċeduri operattivi standard u qasam b'mod ċar ir-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji ta' appoġġ tal-UE.


32 Madankollu, minbarra l-hotspots fl-Italja u fil-Greċja, sehem relattivament għoli ta' migranti japplikaw għall-asil fi Stati Membri oħra tal-UE, mingħajr ma l-marki tas-swaba' tagħhom jiġu maħżuna fid-database EURODAC fil-Kategorija 2⁹ (il-**Figura 4**). Bl-esklużjoni tal-migranti legali li japplikaw għall-asil u li jkunu eżenti mit-teħid tal-marki tas-swaba' taħt il-Kategorija 2 fil-EURODAC, in-nuqqas ta' *data* dwar il-marki tas-swaba' fil-EURODAC jista' jiġi spjegat minn waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- (i) L-applikant għall-asil ikun daħal fl-UE permezz ta' rotta alternattiva li mhijiex il-Gżejjer Griegi tal-Lvant tal-Eġew jew l-Italja, fejn, fin-nuqqas tal-approċċ hotspot, ir-reġistrazzjoni fil-EURODAC f'ċerti Stati Membri tista' ma tkunx daqstant effettiva (il-**Figura 4**);
- (ii) L-applikant għall-asil ikun irregiſtra l-applikazzjoni tiegħu aktar minn 18-il xahar qabel ma l-entrata korrispondenti tkun ġiet irregiſtrata fil-EURODAC, u għalhekk id-*data* dwar il-marki tas-swaba' ma tibqax maħżuna fid-database;
- (iii) L-applikant għall-asil wasal fl-UE mingħajr ma nqabad u b'hekk ma ġiex irregiſtrat.

⁸ Il-Gżejjer Griegi tal-Eġew: minn 8 % f'Settembru 2015 għal 100 % fl-2018; l-Italja: minn 60 % fl-ewwel nofs tal-2015 għal 100 % fl-2018.

⁹ Id-*data* fil-**Kategorija 1** tal-EURODAC tinkludi s-settijiet ta' marki tas-swaba' ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali, ta' 14-il sena jew akbar, li jippreżenta applikazzjoni għall-asil fi Stat Membru; id-*data* fil-**Kategorija 2** tinkludi s-settijiet ta' marki tas-swaba' ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, ta' 14-il sena jew akbar, li jinqabdu mill-awtoritajiet jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru b'mod illegali fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru, u li jkunu ġejjin minn pajjiż terz u ma jkunux intbagħtu lura.

Figura 4 – Il-proċess EURODAC għat-teħid tal-marki tas-swaba'



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Frontex, mill-EURODAC u mill-EUROSTAT.

33 Il-fatt li kien hemm ħafna hits barranin tal-marki tas-swaba' fil-EURODAC¹⁰ bejn l-2015 u l-2018 juri li għadd kbir ta' applikanti għall-asil marru mill-Greċja u l-Italja għal Stati Membri oħra¹¹. Il-volum għoli ta' movimenti sekondarji fl-UE jkompli jżid id-diffikultà fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' Dublin.

¹⁰ Hit barranija fil-EURODAC tiġi ġġenerata meta tinstab marka tas-swaba' identika fi Stat Membru ieħor. Hits ma jikkorrispondux għall-għadd ta' persuni iżda għall-għadd ta' settijiet ta' data, billi persuna waħda tista' tapplika għall-asil aktar minn darba.

¹¹ Hits barranin barra mill-Italja u l-Greċja - 2015: 236 422; 2016: 317 455; 2017: 164 639; 2018: 112 817.

34 Taħt is-sistema attwali, hits barranin fil-EURODAC jiskattaw trasferimenti skont ir-Regolament ta' Dublin lura lejn il-pajjiż li minnu l-migranti jkunu daħlu l-ewwel. Analiżi tad-*data* tal-EUROSTAT fil-fatt turi rati baxxi ta' trasferimenti 'l barra u 'l ġewwa skont ir-Regolament ta' Dublin għall-Greċja, għall-Italja, u tabilħaqq għall-UE kollha kemm hi¹². Hemm ħafna raġunijiet għal dan, inkluż persuni li jaħarbu, raġunijiet umanitarji, deċiżjonijiet sospensivi tal-qrati, u każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

L-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza ma laħqux il-miri u l-oġettiv prinċipali tagħhom

L-oġettiv prinċipali tar-rilokazzjoni ntlaħaq biss parzjalment

35 L-approċċ hotspot kien parti minn pakkett ta' miżuri immedjati stabbiliti mill-Kunsill biex tiġi miġġielda l-kriżi li kienet qed isseħħ fl-2015. Parti oħra minn dan il-pakkett kien mekkaniżmu temporanju u eċċezzjonali ta' rilokazzjoni għal applikanti bi ħtieġa ċara ta' protezzjoni internazzjonali mill-Greċja jew mill-Italja lejn pajjiżi oħra fl-UE, sabiex jittaffa l-piż fuq dawn iż-żewġ Stati Membri l-aktar esposti.

36 Il-Kunsill stabbilixxa żewġ miri inizjali għar-rilokazzjoni ta' 40 000 u 120 000 rispettivament (total ta' 160 000). Peress li dan sar fl-eqqel tal-kriżi tal-migrazzjoni, il-miri kienu r-risultat ta' negozjati politiċi aktar milli ta' analiżi robusta tal-flussi migratorji mbassra. Billi 7 744 post (mill-40 000) qatt ma ġew allokat¹³, u 54 000 (mill-120 000) tqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-risistemazzjoni ta' Sirjani mit-Turkija b'segwitu għad-dikjarazzjoni UE-Turkija, l-Istati Membri impenjaw lilhom infushom legalment biex jirrilokaw 98 256 mill-160 000 migrant.

¹² Fl-2018, fl-UE saru 148 021 talba għal trasferimenti 'l barra skont ir-Regolament ta' Dublin, iżda fil-fatt saru biss 25 960 trasferiment.

¹³ L-Istati Membri ta' rilokazzjoni impenjaw lilhom infushom li jallokaw il-postijiet li kien fadal sa tmiem l-2015, iżda dan ma seħħx.


37 Skont id-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni, kienu biss in-nazzjonalitajiet b'rata ta' rikonoxximent tal-asil ta' 75 % jew ogħla – li għaldaqstant kellhom possibbiltà għolja li jingħataw protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri ta' rilokazzjoni – li kienu eliġibbli għar-rilokazzjoni. L-użu ta' din il-medja fil-livell tal-UE kien jassumi approċċi ta' asil koerenti fost l-Istati Membri fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Madankollu, ir-rati ta' rikonoxximent ivarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, b'mod partikolari għal ċerti nazzjonalitajiet¹⁴. Għalhekk, il-medja fl-UE kollha ma kinitx indikatur ottimali tal-probabbiltajiet li l-migranti jingħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru partikolari. Madankollu, aħna nirrikonoxxu l-fatt li dan kien kriterju ċar li jippermetti valutazzjoni rapida tal-eliġibbiltà għar-rilokazzjoni.

38 Il-*Figura 5* turi li 34 705 migranti eliġibbli (12 706 mill-Italja u 21 999 mill-Greċja) ġew irrilokati lejn 22 Stat Membru u 3 pajjiżi assoċjati (il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera). Ir-Renju Unit u d-Danimarka eżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' nonparteciġazzjoni skont it-Trattati. L-Ungerija u l-Polonja ma rrilokawx migranti¹⁵.

¹⁴ Fl-2018, ir-rata ta' rikonoxximent tal-asil għall-Afgani kienet tvarja minn 6 % sa 98 % fl-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li għall-Iraqin il-medda kienet minn 8 % sa 98 %. Sors: L-EASO.

¹⁵ F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur għan-nuqqas ta' konformità mad-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni kontra l-Ungerija, il-Polonja u ċ-Ċekja. L-Ungerija la impenjat postijiet ta' rilokazzjoni u lanqas ma rrilokat xi migranti. Il-Polonja impenjat xi postijiet f'Diċembru 2015, iżda wara dik id-data ma impenjat l-ebda post, u ma rrilokat l-ebda persuna. Iċ-Ċekja għamlet xi impenji u rrilokat 12-il migrant, iżda waqfet tagħmel dan aktar tard fil-proċess.


Figura 5 – Rilokazzjoni ta' migranti mill-Greċja u mill-Italja skont l-iskema temporanja ta' rilokazzjoni ta' emerġenza (2015-2017)



(*) Ammont stmat għall-Eritreani, l-Iraqin u s-Sirjani mis-16/9/2015 sas-26/9/2017 għall-Italja, u fl-20/3/2016 għall-Greċja, ibbażat fuq data pprovduta mill-Frontex. L-Iraqin kienet biss eliġibbli sa Ġunju 2016.



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq data miġbura mill-Istati Membri.



39 Għal kull migrant li ġie rrilokat, il-Kummissjoni żborżat EUR 500 mill-AMIF favur il-Greċja jew l-Italja biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, u EUR 6 000 favur l-Istat Membru riċeventi għall-ispejjeż ta' akkoljenza. Dan jammonta għal total ta' EUR 225.6 miljun għall-migranti kollha li ġew irrilokati.

40 L-iskemi obligatorji ta' rilokazzjoni kienu l-ewwel inizzjattiva ta' solidarjetà fl-istorja tal-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li kienet immirata lejn ir-ridistribuzzjoni fuq skala kbira ta' applikanti għall-asil fost l-Istati Membri. Id-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni pprovdew ukoll protezzjoni lil għadd sinifikanti ta' applikanti li kieku kienu jibqgħu fl-Italja jew fil-Greċja, jew li setgħu jmorru lejn pajjiżi oħra b'mod irregolari.

41 Madankollu, l-għadd ta' applikanti għall-asil irrilokati ma kienx suffiċjenti biex il-pressjoni fuq is-sistemi ta' asil fil-Greċja u fl-Italja tittaffa b'mod effettiv. Il-migranti rrilokati matul il-perjodu ta' eliġibbiltà kienu jirrappreżentaw madwar 4 % mill-applikanti kollha għall-asil fl-Italja u madwar 22 % minn dawk fil-Greċja.

Is-sehem ta' migranti potenzjalment eliġibbli li ġew irrilokati kien baxx ħafna

42 Id-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni kienu japplikaw għal migranti li kienu waslu fil-Greċja jew fl-Italja bejn l-24 ta' Marzu 2015 u s-26 ta' Settembru 2017. Is-Sirjani u l-Eritreani kienu ż-żewġ nazzjonalitajiet prinċipali li baqgħu eliġibbli matul il-perjodu kollu. L-Iraqin kienu eliġibbli sal-15 ta' Ġunju 2016¹⁶.

43 Madankollu, l-Istati Membri riċeventi aċċettaw biss kandidati għar-rilokazzjoni mill-Greċja li kienu waslu fil-pajjiż qabel l-20 ta' Marzu 2016 (id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dikjarazzjoni UE-Turkija).

44 Id-Deċiżjonijiet daħlu fis-seħħ fl-eqel tal-kriżi tal-migrazzjoni, meta l-biċċa l-kbira mill-migranti li kieku kienu jkunu potenzjalment eliġibbli kienu jinsabu fi tranżitu fil-Greċja jew l-Italja fi proċess ta' migrazzjoni sekondarja lejn Stati Membri oħra. Fi tmiem l-2015 sal-bidu tal-2016, kemm l-awtoritajiet Griegi kif ukoll dawk Taljani ma kellhomx biżżejjed kapacià biex jidentifikaw u jilħqu lill-kandidati kollha li kienu potenzjalment eliġibbli fit-territorju tagħhom. L-iskemi kellhom prestazzjoni insuffiċjenti prinċipalment minħabba l-għadd baxx ħafna ta' kandidati rreġistrati li kienu potenzjalment eliġibbli (ara l-[Figura 5](#)).

¹⁶ It-Tabella 6 tar-rapport trimestrali tal-Eurostat dwar l-asil tal-15 ta' Ġunju 2016.

45 L-għeluq tar-rota tal-Balkani f' Marzu 2016 naqqset sinifikattivament it-tranżitu mhux ikkontrollat fil-Greċja, u ħalla ħafna kandidati potenzjalment eliġibbli għar-rilokazzjoni fil-Greċja. F' Marzu 2016, il-Kummissjoni stmat li bejn 50 000 u 56 000 persuna kellhom jibqgħu fil-Greċja, inklużi 35 000 sa 40 000 kandidat li kienu potenzjalment eliġibbli għar-rilokazzjoni. Eżerċizzju ta' prereġistrazzjoni tal-massa, iffinanzjat permezz tal-EMAS u appoġġat mill-UNHCR u mill-EASO, għen fl-identifikazzjoni u fir-reġistrazzjoni ta' dawk li kienu għadhom fil-Greċja fis-sajf tal-2016. Mingħajr dan l-eżerċizzju, l-għadd ta' rilokazzjonijiet kien ikun saħansitra aktar baxx.

46 L-informazzjoni pprovduta lill-migranti identifikati dwar il-pajjiżi ta' rilokazzjoni u dwar il-benefiċċji ta' rilokazzjoni regolari (għall-kuntrarju ta' "awtorilokazzjoni" irregolari) ma kinitx effettiva biżżejjed biex tinkiseb il-fiduċja tagħhom u biex jiġu konvinti li l-iskemi kienu vantaġġużi.

47 Barra minn hekk, l-għadd baxx ta' impenji ta' rilokazzjoni u l-pass bil-mod li bih l-Istati Membri pproċessaw l-impenji u t-trasferimenti qatgħu qalb xi wħud mill-migranti milli japplikaw għal rilokazzjoni, għalkemm is-sitwazzjoni tjiebet biż-żmien.

Sehem għoli mill-kandidati rreġistrati kienu ġew irrilokati, minkejja nuqqasijiet fil-proċess ta' rilokazzjoni

48 Sehem għoli mill-kandidati kollha rreġistrati fl-iskemi fil-Greċja u fl-Italja (80 % u 89 % rispettivament) kienu ġew effettivament irrilokati. Iż-żewġ raġunijiet prinċipali għan-nuqqas ta' suċċess tar-rilokazzjoni għal dawk li kienu rreġistrati kienu l-kontrolli ta' sigurtà li ma rnextewx u l-persuni li jaħarbu.

49 Madankollu, aħna sibna għadd ta' dgħufijiet operazzjonali fil-proċessi ta' rilokazzjoni (il-*Kaxxa 3* u l-*Figura 6*).

Kaxxa 3

Dgħufijiet operazzjonali fil-proċess ta' rilokazzjoni

Id-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni kellhom jiġu adottati malajr f'Settembru 2015, qabel l-istabbiliment tal-proċeduri jew id-dħul fis-seħħ tal-istrutturi meħtieġa (għar-reġistrazzjoni, it-trasport u l-akkomodazzjoni ta' kandidati għar-rilokazzjoni). Għalhekk, ma kienx ċar kif wieħed kellu jipproċedi; pereżempju, min għandu jwettaq kontrolli ta' sigurtà u dawk mediċi, u kif? Il-partijiet ikkonċernati ewlenin qablu dwar il-protokoll operattivi fi stadju aktar tard (fis-sajf tal-2016 fil-Greċja u fi tmien l-2016 fl-Italja).


Il-maġġoranza tar-rifjuti ġew iġġustifikati permezz ta' raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sikurezza nazzjonali, f'konformità mad-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni. Madankollu, l-ispjegazzjonijiet li ngħataw kienu spiss ġeneriċi, mingħajr ġustifikazzjoni dettaljata tal-każijiet individwali. L-għadd ta' rifjuti għall-Greċja kien ogħla min dak għall-Italja, minħabba l-profili ta' sikurezza differenti tal-migranti eliġibbli. Il-Greċja għaddiet lill-kandidati rifjutati lis-sistema nazzjonali ta' asil, filwaqt li l-Italja offriet li dawn jiġu rrilokati fi Stat Membru ieħor.

Xi wħud mill-Istati Membri applikaw preferenzi restrittivi li mhumiex ibbażati fuq id-Deċiżjonijiet (eż. ir-rifjut ta' Eritreani fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja huma permessi biss il-kandidati li jkollhom ID u dokumenti tal-ivvjaġġar). L-EASO dam biex jiżviluppa sistema ta' tqabbil tal-preferenzi. Skedat biex jitħaddem f'Ottubru 2016, il-proġett ma ġiex ikkompletat qabel ma ntemmet ir-rilokazzjoni u, għalkemm ġie ttestjat fil-Greċja, qatt ma ntuża la fil-Greċja u lanqas fl-Italja.

Il-kandidati ġew mifruxa madwar l-Italja u l-Greċja minflok ma nżammew flimkien. Li kieku huma ġew akkomodati f'faċilitajiet ta' rilokazzjoni ddedikati, l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tagħhom kien jitħaffef peress li jiġu ffaċilitati diversi stadji, inklużi l-kontrolli tas-saħħa u s-sessjonijiet ta' orjentazzjoni kulturali obligatorji.

Billi d-Deċiżjonijiet ma jstabbilixxu l-ebda mira preliminari ta' rilokazzjoni vinkolanti, l-impenji li għamlu l-Istati Membri riċevanti inizjalment ħadu l-ħin, iżda gradwalment dawn thaffew hekk kif l-implimentazzjoni bdiet tipprogressa. Xi wħud mill-Istati Membri kienu aktar proattivi minn oħrajn.

Figura 6 – Stampa ġenerali tad-dgħufijiet operazzjonali fir-rilokazzjoni



Sors: II-QEA.

Il-monitoraġġ wara r-rilokazzjoni huwa insuffiċjenti u ma hemm l-ebda struttura għar-rilokazzjoni volontarja


50 Il-Kummissjoni, flimkien mal-EASO u mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), immonitorjat l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' rilokazzjoni, speċjalment l-għadd ta' trasferimenti effettivi. Inġabret ukoll *data* dwar ir-reġistrazzjonijiet, il-persuni li jaħarbu u r-rifjuti, iżda r-rappurtar dwar dawn l-aspetti ma ġiex armonizzat bejn il-Greċja u l-Italja.

51 Ir-risultati preliminari miġbura mill-Kummissjoni fi Frar 2018 urew rati għoljin ta' rikonoxximent tal-asil fost il-migranti rrilokati fl-Istati Membri riċevituri. Huma wrew ukoll rati relattivament għoljin ta' movimenti sekondarji wara r-rilokazzjoni f'ċerti Stati Membri, għalkemm il-biċċa l-kbira ma jiġbrux informazzjoni dwar dan l-aspett.

52 Minn Frar 2018 'il hawn, il-Kummissjoni ma mmonitorjatx is-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' rilokazzjoni. Id-*data* li ġbarna mill-Istati Membri riċeventi f'April u f'Mejju 2019 tikkonferma l-osservazzjonijiet li saru fil-paragrafu preċedenti (il-[Figura 7](#)).

53 L-iskemi ta' rilokazzjoni temporanja skadew f'Settembru 2017. Għadu ma ntleħaq l-ebda kunsens dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal sistema ta' rilokazzjoni permanenti. Fin-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni maqbul fil-livell tal-UE, qed issir rilokazzjoni volontarja fuq bażi *ad hoc*, prinċipalment għal migranti li żbarkaw fl-Italja u f'Malta.

Figura 7 – Sehem għoli ta' movimenti sekondarji fost il-migranti rrilokati lejn ċerti Stati Membri¹



¹ Spanja ma pprovdiet l-ebda *data*. Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, Malta, in-Netherlands u r-Rumanija ma ġabrux *data* dwar dan l-aspett. Il-perċentwal fl-Estonja kien jinkludi migranti li ġew risistemati.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* dwar ir-rilokazzjoni miġbura mill-Istati Membri (f'April 2019).

Proġetti eżaminati taħt l-assistenza ta' emerġenza u l-programmi nazzjonali taħt l-AMIF indirizzaw il-ħtiġijiet identifikati, iżda ma laħqux kompletament il-miri tagħhom


Il-proġetti EMAS taħt l-AMIF huma rilevanti iżda ma jindirizzawx biss ħtiġijiet urġenti u speċifiċi kif kien intenzjonat

54 Il-proġetti EMAS taħt l-AMIF għandhom l-għan li jipprovdu assistenza finanzjarja biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza¹⁷.

¹⁷ L-Artikolu 21, ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014.

55 Għalkemm il-baġit oriġinali kien ta' EUR 160 miljun għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, l-allokazzjonijiet totali għall-EMAS taħt I-AMIF żdiedu u jammontaw għal EUR 1.1 biljun sal-programm ta' ħidma annwali (AWP) għall-2019. Kif jidher fil-**Figura 8**, il-Greċja u l-Italja huma l-akbar żewġ riċevituri tal-finanzjament taħt I-AMIF għall-EMAS.

Figura 8 – Għotjiet taħt I-AMIF għall-EMAS fl-Istati Membri (f'miljun EUR)



L-Istati Membri li ma bbenefikawx mill-finanzjament taħt I-AMIF għall-EMAS ma kinux eliġibbli jew ma applikawx għall-finanzjament.

Sors: Kalkolu tal-QEA bbażat fuq id-*data* tal-Kummissjoni tal-UE, f'Marzu 2019. Sfond tal-mappa © kontributuri ta' OpenStreetMap liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

56 Oriġinarjament, l-EMAS tfasslet bħala strument fuq skala żgħira li jindirizza l-ħtiġijiet ta' emerġenza urġenti u speċifiċi. Iż-żieda fil-finanzjament għall-EMAS ikkontribwiet biex l-appoġġ li jingħata mill-Kummissjoni għall-kriżijiet isir aktar flessibbli u risponsiv. L-evalwazzjoni *interim* tal-AMIF¹⁸ enfasizzat ukoll ir-rwol tal-EMAS fit-tisħiħ tas-solidarjetà u tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet fost l-Istati Membri. Għalhekk, l-EMAS kellha rwol ewlieni fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' rilokazzjoni fil-Greċja u fl-Italja, billi ffinanzjat il-prereġistrazzjoni ta' kandidati għar-rilokazzjoni (fil-Greċja), il-faċilitajiet ta' akkoljenza u t-trasferimenti ta' kandidati eliġibbli għar-rilokazzjoni.

57 Fl-istess ħin, l-EMAS saret l-istrument strateġiku ewlieni tal-Kummissjoni biex l-appoġġ jiġi bbilanċjat mill-ġdid lejn il-pajjiżi li huma l-aktar affettwati mill-kriżi tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-Greċja, billi tikkomplementa l-pakketti tal-programmi nazzjonali¹⁹ tagħhom.

58 Għalhekk, xi wħud mill-proġetti EMAS ma jindirizzawx biss il-ħtiġijiet urġenti u speċifiċi, iżda jikkomplementaw il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF billi jiffinanzjaw attivitajiet strutturali fuq terminu itwal b'komponenti integrati tal-bini tal-kapaċitajiet. Dan ġie enfasizzat ukoll mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha²⁰.

59 Aħna eżaminajna sitt proġetti EMAS: tlieta fil-Greċja u tlieta fl-Italja. F'kull pajjiż, proġett wieħed kien relatat mal-asil, wieħed mar-ritorni u wieħed mar-rilokazzjoni. Valutazzjoni dettaljata tingħata fl-[Annex II](#).

¹⁸ SWD(2018) 339 final, Interim Evaluation of the Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2017 (Evalwazzjoni *Interim* tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-2014-2017).

¹⁹ Il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF (bħal dawk tal-FSI) għandhom koeffiċjent tal-kontribuzzjoni bażiku u rigoruż, li huwa bbażat fuq *data* mill-ewwel snin tas-seklu 21, u b'hekk ma jirriflettix is-sitwazzjoni wara l-2015. Ir-riżorsi addizzjonali setgħu jiġu distribwiti lill-pajjiżi kollha b'mod proporzjonali biss skont dan il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni jew permezz ta' azzjoni speċifika, li hija limitata għal għadd żgħir ta' prijoritajiet ta' investiment.

²⁰ SWD(2018) 347 final, 2018 Impact assessment accompanying the proposal for the new AMF regulation (Valutazzjoni tal-impatt tal-2018 li takkumpanja l-proposta għar-Regolament il-ġdid dwar l-AMF), it-Taqsima 1.2.1.1.

60 Aħna sibna li s-sitt proġetti kollha li ġew eżaminati huma rilevanti għall-ħtiġijiet identifikati. L-oġġettivi stabbiliti għal kull proġett ikkampjunat kienu ċari f'termini ta' dak li għandu jinkiseb mill-azzjoni. Rigward ir-riżultati tanġibbli, il-proġetti kkampjunati kollha ffukaw fuq l-outputs immedjati, iżda mhux fuq ir-riżultati u l-impatt. L-eċċezzjoni kien il-proġett EMAS-IT-1, li lanqas biss kellu indikaturi tal-output (il-[Kaxxa 4](#)).

Kaxxa 4

Eżempju ta' proġett mingħajr indikaturi tal-output u tal-eżitu

Il-proġett **EMAS-IT-1** jappoġġa l-uffiċċji tal-pulizija għall-immigrazzjoni ("*questure*") billi jiffinanzja l-appoġġ lingwistiku u t-tagħmir. Il-kumitat ta' evalwazzjoni kkonkluda li l-output tal-azzjoni proposta jenħtieġ li jiġi ddikjarat espliċitament billi jiġu stabbiliti indikaturi xierqa li jikkorrispondu għall-oġġettivi tal-azzjoni (eż. medja ta' kuljum/ta' kull xahar tal-applikazzjonijiet għall-asil ipproċessati għal kull *questura*). Dawn l-indikaturi jippermettu li l-prestazzjoni tiġi mmonitorjata u li l-kisbiet jiġu vvalutati b'mod xieraq.

Il-ftehim ta' għotja ma ġiex immodifikat skont it-talba tal-kumitat ta' evalwazzjoni u kien jiffoka fuq l-inputs biss (eż. l-għadd ta' tradutturi pprovduti, il-kwantitajiet ta' tagħmir ikkonsenjat) mingħajr ma stabbilixxa xi miri tal-prestazzjoni.

61 Aħna ma sibna l-ebda trikkib bejn il-proġetti ffinanzjati taħt l-EMAS, minn naħa waħda, u l-programmi nazzjonali taħt l-AMIF jew l-operazzjonijiet tal-EASO/Frontex, min-naħa l-oħra.

62 Madankollu, tnejn mis-sitt proġetti EMAS li ġew eżaminati ma indirizzawx ħtiġijiet urġenti u speċifiċi (EMAS-GR-2 u EMAS-IT-1), iżda minflok issostitwew azzjonijiet fil-programmi nazzjonali taħt l-AMIF billi ffinanzjaw attivitajiet strutturali fuq terminu itwal b'komponenti integrati tal-bini tal-kapaċitajiet (il-[Kaxxa 5](#)).

Kaxxa 5

Bidla tal-EMAS minn rispons ta' emerġenza għal appoġġ strutturali fuq terminu itwal

Il-proġett **EMAS-GR-2** iffinanzja ritorni furzati ta' migranti irregolari mill-Pulizija Ellenika minn Diċembru 2015 sa Novembru 2016. Madankollu, dawn l-attivitajiet standard ta' ritorn fuq terminu twil huma koperti mill-baġit nazzjonali. Wieħed mill-proġetti relatati mal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF dwar ir-ritorni furzati kien ikopri, retroattivament, il-perjodu kollu mill-2014 sal-2019 (għajr il-perjodu kopert mill-EMAS). Dan juri li ma kienx hemm ħtieġa urġenti għal finanzjament ta' emerġenza.

Il-proġett **EMAS-IT-1** se jopera għal 18-il xahar. Minbarra t-tagħmir tal-IT, l-appoġġ jinkludi wkoll ix-xiri ta' karozzi u ta' għamara. Minflok li jiffoka fuq il-*questure* li għandhom l-aktar piż żejjed u li qed jiffaċċjaw ħinijiet twal ta' stennija biex jirreġistraw it-talbiet għall-asil, il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità tal-*questure* kollha fl-Italja, inklużi dawk mingħajr ħtieġa urġenti ta' appoġġ.

Filwaqt li din l-azzjoni xorta waħda tista' tgħin lill-Italja biex tikklerja l-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-asil, proġett bħal dan kien ikun aktar opportun li kieku ġie implimentat fl-2016/2017, meta r-reġistrazzjonijiet għall-asil fl-Italja kienu fl-eqqel tagħhom. Madankollu, din bdiet biss f'Settembru 2018, meta r-reġistrazzjonijiet għall-asil kienu diġà naqsu sinifikattivament mis-snin preċedenti. Saż-żmien taż-żjara tal-awditjar li saret fi tmiem Frar 2019, ma kienet twettqet l-ebda attività, minħabba l-proċeduri ta' akkwist pubbliku li kienu għaddejjin.

63 F'Lulju 2017, il-Kummissjoni assenjat lill-Italja finanzjament addizzjonali li kien jammonta sa EUR 100 miljun għall-EMAS taħt l-AMIF, li ntuża biex jiġu ffinanzjati wkoll il-proġetti EMAS-IT-1 u EMAS-IT-2. Madankollu, ma kienx hemm mekkaniżmu strutturat li jiddistribwixxi l-fondi għall-EMAS b'mod ġust fost l-Istati Membri f'każ ta' talbiet għal finanzjament ta' proġetti li jaqbżu l-baġit disponibbli. Li kieku l-Istati Membri kollha eliġibbli applikaw għal għotjiet taħt l-AMIF għall-EMAS biex jiffinanzjaw attivitajiet simili (ritorni furzati nazzjonali, AVRR jew tisħiħ tal-kapaċità tal-istazzjonijiet tal-pulizija), il-baġit tal-EMAS jiġi eżawrit f'qasir żmien.

64 Il-Kummissjoni pproponiet li l-assistenza ta' emerġenza taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri tiġi inkluża fil-qafas finanzjarju l-ġdid għall-2021-2027²¹. Il-kriterji għall-allokazzjoni tal-fondi għall-EMAS għad iridu jiġu ddefiniti.

Tnejn biss mis-sitt proġetti EMAS taħt I-AMIF li ġew eżaminati laħqu kompletament il-miri tagħhom

65 L-oġġettivi ppjanati għall-proġetti EMAS-GR-3 u EMAS-IT-2 kienu ntlaħqu kompletament, filwaqt li għall-proġetti EMAS-GR-1, EMAS-GR-2 u EMAS-IT-3 dawn intlaħqu parzjalment (il-**Kaxxa 6**). Il-proġett EMAS-IT-1 għadu fil-fażi bikrija tal-implimentazzjoni (il-**Kaxxa 5** u l-**Anness II**).

Kaxxa 6

Eżempji ta' proġetti EMAS taħt I-AMIF li ma laħqux kompletament l-oġġettivi tagħhom

EMAS-GR-2: Il-Pulizija Ellenika ma laħqitx il-miri tagħha, billi rritornat b'mod furzat 121 ċittadin ta' pajjiżi terzi meta mqabbel mal-mira ta' 1 080. B'kuntrast ma' dan, l-IOM qabżet l-aspettattivi, filwaqt li rritornat 1 464 ċittadin ta' pajjiżi terzi (meta mqabbel mal-1 000 ippjanati) f'ritorni volontarji assistiti. L-infiq ta' dan il-proġett kien ukoll insuffiċjenti, u ntuża 65 % (EUR 1.7 miljun) mill-ammont oriġinali allokat (EUR 2.5 miljun).

EMAS-IT-3: Il-mira li jiġu akkomodati medja ta' 1 310 kandidati għar-rilokazzjoni matul il-perjodu ta' 12-il xahar ma setgħetx tintlaħaq, billi l-kandidati għar-rilokazzjoni kienu effettivament inqas milli kien previst. Barra minn hekk, il-migranti eliġibbli għar-rilokazzjoni ġew mifruxa madwar l-Italja. Għalhekk, kienet diffiċli biex dawn jiġu trasferiti lejn ċentri ta' rilokazzjoni ddedikati, li spiċċaw jospitaw taħlita ta' migranti, inklużi dawk mhux eliġibbli għar-rilokazzjoni. B'riżultat ta' dan, l-ammont imġarrab għal dan il-proġett kien inqas milli ppjanat, u ntuża 63 % (EUR 9.7 miljun) mill-ammont oriġinali allokat (EUR 15.3 miljun).

²¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil, COM(2018) 471 final tat-12 ta' Ġunju 2018.

66 Għalkemm il-proġett EMAS-IT-2 qabeż il-miri tiegħu tliet xhur qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, irid jiġi enfasizzat li l-miri kienu relattivament modesti meta wieħed iqis l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa u l-għadd ta' migranti irregolari li jgħixu fl-Italja. Il-prestazzjoni tal-programm tal-AVRR fl-Italja huwa affettwat minn għadd ta' problemi, li aħna nanalizzaw fil-[Kaxxa 12](#).

Ma saret l-ebda valutazzjoni komprensiva u robusta tal-ħtiġijiet għall-programmi nazzjonali taħt I-AMIF

67 Il-programmi nazzjonali taħt I-AMIF għall-2014-2020 allokaw EUR 328.3 miljun għall-Greċja u EUR 394.2 miljun għall-Italja. Madankollu, il-programmi nazzjonali taħt I-AMIF ġew maqbula f'Lulju u f'Awwissu 2015 rispettivament, minħabba l-adozzjoni tardiva tar-Regolament dwar I-AMIF.

68 Integrat fi pjan strateġiku globali, fond pluriennali bħall-AMIF jirrikjedi valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet robusti u komprensivi, fejn il-ħtiġijiet kollha jiġu kkwantifikati finanzjarjament, u jiġu pprijoritizzati u aġġornati regolarment²². Is-sitwazzjoni dejjem tinbidel ftit li xejn ħalliet żmien biex jiġu stabbiliti valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet bħal dawn fil-Greċja u fl-Italja.

69 Aħna eżaminajna 10 proġetti nazzjonali taħt I-AMIF fil-Greċja u 5 fl-Italja (valutazzjoni dettaljata tal-proġetti GR-1 sa GR-5 u IT-1 sa IT-5 tingħata fl-[Annex II](#)). Aħna sibna li l-proġetti kollha li ġew awditjati kienu rilevanti sal-punt li kellhom rabta tematika dimostrabbli mal-għanijiet tal-programmi nazzjonali. Madankollu, minħabba li l-ħtiġijiet kollha ma ġew ikkwantifikati finanzjarjament u pprijoritizzati, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat jekk il-fondi tal-AMIF kinux ġew assenjati fejn kienu meħtieġa l-aktar.

²² Pereżempju, fil-qasam tal-asil, din il-valutazzjoni kieku tqabbel il-prestazzjoni mixtieqa mal-prestazzjoni reali (eż. f'termini ta' kapaċità ta' pproċessar, ta' tnaqqis fl-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet u fil-ħinijiet tal-ipproċessar), fid-dawl tax-xejriet fil-passat u tal-flussi ta' dħul u ta' ħruġ proġettati. Din imbagħad tiġi konvertita f'analiżi pluriennali tal-lakuni tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet (f'termini ta' persunal, spazju ta' ħidma, kapaċità amministrattiva/ta' taħriġ). Il-ħtiġijiet previsti kieku jiġu koperti mill-programmi nazzjonali taħt I-AMIF u mill-baġit nazzjonali, filwaqt li kwalunkwe ħtieġa li tirriżulta minn avvenimenti mhux previsti u mhux mistennija tkun tista' tiġi indirizzata permezz ta' assistenza ta' emerġenza.

70 Aħna sibna dgħufijiet fl-indikaturi tal-prestazzjoni tal-proġetti awditjati. Xi wħud mill-proġetti ma kellhomx indikaturi tal-output jew tal-eżitu speċifiċi (IT-1, GR-2). Xi wħud mill-indikaturi stabbilew miri li kienu baxxi wisq (IT-2, 3, 4) jew li inkella kienu diġà ntlaħqu (GR-1). Xi wħud mill-indikaturi ma ġewx aġġornati wara li ġie emendat l-ambitu tal-proġett (GR-3) jew, fl-aħħar nett, stabbilew perjodu ta' żmien ristrettiv għar-ritorni volontarji assistiti u r-riintegrazzjoni (GR-5).

71 Aħna sibna trikkib bejn il-proġetti tal-AVRR, IT-2 u IT-3, li ġew awditjati fl-Italja. Dawn il-proġetti ngħataw għotja taħt l-istess sejħa għal proposti, kienu jkopru l-istess pajjiżi ta' oriġini u twettqu fl-istess reġjuni tal-Italja. Mingħajr l-ebda mmappjar li jiżgura li l-proġetti joperaw f'żoni ġeografiki komplementari, il-proġetti kkompetew għar-ritorn tal-istess migranti.

72 Minn meta l-mandat tal-Frontex ġie estiż fl-2016, kien hemm żewġ strumenti tal-UE (il-programm nazzjonali taħt l-AMIF u l-appoġġ għar-ritorn mogħti mill-Frontex) li jappoġġaw l-istess tip ta' attivitajiet ta' ritorn furzat b'mod parallel. Dan jikkonċerna wkoll il-proġetti ta' ritorn furzat taħt l-AMIF, GR-4 u IT-4.

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti awditjati relatati mal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF fil-Greċja u fl-Italja ma kinux laħqu kompletament il-miri tagħhom saż-żmien meta sar l-awditu

73 Sa tmiem l-2016, ftit li xejn kienu ġew immobilizzati riżorsi finanzjarji taħt l-AMIF mill-programm nazzjonali tal-Greċja biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-pajjiż li jirriżultaw mill-kriżi tal-migrazzjoni. Il-Greċja kienet qed tpatti għad-dewmien tagħha fl-implimentazzjoni tal-impenji, iżda l-pagamenti li saru taħt il-programm nazzjonali taħt l-AMIF baqgħu baxxi. L-Italja rkuprat id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-impenji taħt l-Objettivi Speċjali 1 u 2, iżda l-impenji taħt l-Objettiv Speċifiku 3 kienu għadhom lura fiż-żmien meta saret iż-żjara tal-awditjar (ara l-[Anness I](#)).

74 Fil-Greċja, wieħed mill-ħames proġetti eżaminati (GR-1) kien intemm saż-żmien meta sar l-awditu, filwaqt li erbgħa kienu għadhom għaddejnin. Erbgħa mill-ħames proġetti jew kienu għadhom ma kisbux ir-riżultati intenzjonati tagħhom jew inkella x'aktarx li ma kinux se jiksibuhom (fil-każ ta' proġetti li kienu għadhom għaddejnin) (l-*Anness IV*). Fil-proġetti kollha eżaminati, aħna sibna evidenza ta' rappurtar u monitoraġġ regolari. Fi tlieta mill-ħames proġetti, l-għadd kbir ta' emendi għamel il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-proġetti, u fl-aħħar mill-aħħar il-valutazzjoni tas-suċċess tagħhom, aktar diffiċli²³.

75 Fl-Italja, erbgħa mill-ħames proġetti eżaminati kienu ntemmu saż-żmien meta sar l-awditu. Minn dawn, tnejn laħqu l-oġettivi tagħhom parzjalment. Proġett wieħed ġie sospiż u, għal proġett ieħor, id-*data* finali ma kinitx disponibbli (l-*Anness IV*). Fi tnejn mill-ħames proġetti, ir-rappurtar u l-monitoraġġ kienu inadegwati.

Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni ġie stabbilit tard u mingħajr miri

76 Il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni huwa l-għodda prinċipali tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF. Minħabba li d-diskussjonijiet mal-Istati Membri biex jintlaħaq qbil dwar sett armonizzat ta' indikaturi tal-eżitu u tal-impatt ħadu fit-tul, il-qafas ma ġiex iffinalizzat qabel Frar 2017²⁴. Sa dan iż-żmien, ħafna mill-proġett taħt l-AMIF kienu diġà nbdeu.

77 Minbarra li l-qafas ġie implimentat tard, l-indikaturi tal-eżitu u tal-impatt tiegħu la għandhom miri u lanqas linji bażi, u dan jagħmilha diffiċli li tiġi evalwata l-prestazzjoni. Barra minn hekk, l-Italja u l-Greċja ma ġabrux settijiet sħaħ ta' *data* dwar kwalunkwe wieħed mill-indikaturi tal-qafas fir-rapporti ta' evalwazzjoni *interim* għall-2017.

78 Il-Kummissjoni ma żviluppax qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar ir-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-EMAS.

²³ Pereżempju, il-proġett GR-3 kien suġġett għal 12-il emenda li bidlu l-ambitu, id-durata u l-baġit tiegħu, GR-2 kien suġġett għal 8 emendi li bidlu d-durata u l-baġit tiegħu, u GR-4 kien suġġett għal 6 emendi li bidlu l-ambitu, id-durata u l-baġit tiegħu.

²⁴ Ibbażat fuq ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/207 ta' Ottubru 2016.

Id-data dwar il-prestazzjoni mhix suffiċjenti biex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' evalwazzjoni robusta tal-politika fil-livell tal-UE

79 F'Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet²⁵ reviżjoni tal-istatistika tal-EUROSTAT dwar il-migrazzjoni u l-asil biex, fost affarijiet oħra: (i) jiżiedu l-frekwenza u l-kontenut tal-istatistika dwar ir-ritorn; (ii) tiġi pprovduta *data* diżaggregata dwar l-asil fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati; u (iii) tiġi introdotta statistika ġdida dwar it-talbiet għal rieżami skont is-sistema ta' Dublin.

80 Matul dan l-awditu sar evidenti li kienet meħtieġa aktar *data* dwar il-prestazzjoni biex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' evalwazzjoni robusta tal-politika fil-livell tal-UE. Il-proposta tal-Kummissjoni ma tkoprix din il-meħtieġa.

81 Pereżempju, fir-rigward tal-proċeduri ta' asil, l-EUROSTAT u l-EASO ma jiġbrux *data* dwar il-prestazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-asil bejn l-istadji importanti ewlenin²⁶ fil-proċedura, minkejja l-bosta limiti ta' żmien stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE u f'dik nazzjonali dwar l-asil. L-EASO jiġbor *data* bażika dwar l-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet li tirrigwarda biss il-perjodu li ttieħed għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-asil pendenti fl-istadju tal-ewwel istanza. L-EUROSTAT jiġbor biss *data*²⁷ limitata dwar l-istadju ġudizzjarju/tal-appell, iżda mhux id-*data* dwar appelli pendenti fl-istanzi differenti.

82 Ma tinġabar l-ebda *data* dwar il-ħeffa tal-proċeduri ta' ritorn. Barra minn hekk, ma hemmx indikaturi li jkejlu s-sostenibbiltà tar-ritorni, bħall-għadd ta' migranti li jiġu rritornati u li jippruvaw jerġgħu jiġu lejn l-UE jew is-suċċess tal-pakketti ta' riintegrazzjoni tal-AVRR.

²⁵ COM(2018) 307 final.

²⁶ Il-formulazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-asil, id-deċiżjoni fl-ewwel istanza, id-deċiżjoni fit-tieni istanza, id-deċiżjoni fl-aħħar istanza.

²⁷ Id-deċiżjonijiet fl-aħħar istanza biss, id-database: migr_asydcfina.

Is-sostenn operazzjonali tal-aġenziji tal-UE ma ġiex sfruttat kompletament

L-isforzi li saru mill-EASO biex jiżviluppa approċċ aktar strateġiku għall-appoġġ tiegħu għall-proċeduri ta' asil

83 Aħna vvalutajna l-operazzjonijiet tal-EASO bħala rilevanti għall-pletora ta' ħtiġijiet li jirriżultaw mill-flussi kbar ta' dħul ta' migranti fil-Greċja u fl-Italja.

84 Meta kien qed jappoġġa lil dawn l-Istati Membri matul il-kriżi tal-migrazzjoni, b'mod partikolari fl-eqgħel tal-wasliet tal-migranti fl-2015 u fl-2016, u b'kont meħud tal-iżviluppi kontinwi u frekwenti, l-EASO ma kellux ħin biex iwettaq valutazzjonijiet komprensivi tal-ħtiġijiet li jiprijoritizzaw u jikkwantifikaw finanzjarjament il-ħtiġijiet, jew biex jistabbilixxi pjanijiet pluriennali jew strateġiji ta' ħruġ. Madankollu, lanqas għall-pjanijiet operattivi għall-2017 u l-2018 ma kienet tnejn valutazzjoni strutturata ta' dan it-tip. Il-pjanijiet ġew maqbula mill-EASO u mill-Istati Membri ospitanti. Madankollu, billi l-ħtiġijiet ma ġewx iprijoritizzati u kkwantifikati finanzjarjament b'mod ċar, ma setax jiġi ddimostrat li l-EASO kien immira l-appoġġ tiegħu fejn dan kien l-aktar meħtieġ.

85 Waqt it-tnejn tal-pjanijiet operattivi tiegħu għall-2019, l-EASO għamel sforz sostanzjali biex jistabbilixxi l-elementi ewlenin tal-ippjanar strateġiku²⁸. Minn perspettiva kunċettwali, aħna nqisu li dan l-approċċ huwa prassi tajba, għalkemm l-implimentazzjoni effettiva tiegħu tista' tiġi vvalutata biss meta jiġu eżaminati l-pjanijiet operattivi għall-2019, li ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-awditu tagħna.

²⁸ Sensiela ta' dokumenti analitiċi (valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet, rapport ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet prijoritizzati u matriċi tar-riżultati ta' livell għoli) intużaw biex jiġi prodott pjan direzzjonali ta' tliet snin kemm għall-Italja kif ukoll għall-Greċja. Il-pjanijiet direzzjonali jinkludu l-ħtiġijiet identifikati, il-ġerarkija u s-soluzzjonijiet tagħhom, akkumpanjati mill-ispejjeż stmati tagħhom.

86 Sal-2018, il-pjanijiet operattivi kienu mmexxija mill-input. L-introduzzjoni ta' għodda ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni fi Frar 2018 għall-Italja u f'Mejju 2018 għall-Greċja wasslet għall-istabbiliment ta' indikaturi tal-output u tal-eżitu, iżda aħna sibna bosta nuqqasijiet²⁹.

87 Għalkemm ma sibniex eżempji konkreti ta' trikkib, il-Kummissjoni u l-EASO ma għandhomx stabbiliti proċeduri biex jinvolvu lill-EASO sistemikament fl-ippjanar tal-proġetti tal-AMIF, b'mod partikolari għal proġetti (kemm jekk taħt il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF kif ukoll l-EMAS) li jiffinanzjaw attivitajiet simili (eż. finanzjament tal-persunal tal-GAS jew appoġġ għall-*questure* fl-Italja).

88 Fl-Italja, l-EASO aġġusta l-appoġġ tiegħu hekk kif il-flussi ta' migrazzjoni naqsu sinifikattivament. Huwa waqaf jappoġġa l-forniment ta' informazzjoni fi tmiem l-2018. L-appoġġ għar-reġistrazzjoni li ġie pprovdut kien inqas milli ppjanat, u dan huwa skedat li jiġi eliminat gradwalment sa tmiem l-2019. L-EASO biħsiebu wkoll iwaqqaf l-appoġġ tiegħu għall-kummissjonijiet territorjali tal-asil³⁰ sa tmiem l-2019.

89 Għalkemm ċerti elementi tal-appoġġ mogħti mill-EASO jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali u jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-AMIF (eż. *interims* – esperti tar-reġistrazzjoni u persuni responsabbli mill-każijiet tal-asil li diġà jkunu ġew issekondati fi ħdan il-GAS, jew servizzi ta' interpretazzjoni), l-EASO ma għandux dan it-tip ta' strateġija ta' ħruġ stabbilita għall-Greċja.

L-appoġġ mill-EASO huwa mxekkel minn nuqqas permanenti ta' esperti mill-Istati Membri, mid-durata qasira tal-istazzjonament tagħhom u minn problemi operazzjonali oħra

90 Rigward l-inputs (għadd ta' esperti, konsulenti *interim*, eċċ.), l-istazzjonament tal-EASO fil-Greċja u fl-Italja huwa ġeneralment f'konformità mal-pjanijiet operattivi. L-*Anness I* juri li, kull sena, l-infiq kien ogħla mill-baġit inizjali.

²⁹ Fil-Greċja, ma ġewx stabbiliti miri jew linji bażi għad-*data* tal-output, u ma ġewx iddefiniti indikaturi tal-eżitu/tal-impatt. Fl-Italja, kien hemm tentattiv biex jiġu stabbiliti indikaturi tal-impatt, iżda ma ġewx stabbiliti miri jew xenarji bażi.

³⁰ L-awtoritajiet amministrattivi Taljani li għandhom il-kompetenza li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-asil u li jjeħdu deċiżjonijiet fl-ewwel istanza.

91 Fin-nuqqas ta' miri/linji bażi għall-indikaturi, huwa diffiċli li jiġu vvalutati l-prestazzjoni/l-effettività tal-appoġġ mill-EASO f'termini ta' outputs u eżiti. Madankollu, l-awtoritajiet Griegi u Taljani kompetenti fil-qasam tal-asil li intervistajna qiesu li l-appoġġ mill-EASO huwa utli kemm fl-appoġġ għall-proċeduri ta' asil kif ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċità nazzjonali.

92 L-operazzjonijiet tal-EASO għadhom iġarrbu nuqqas permanenti ta' esperti mill-Istati Membri u huwa evidenti li d-durata medja tal-istazzjonament tagħhom hija qasira wisq (fuq medja, 50 jum fil-Greċja u 46 jum fl-Italja fl-2018). L-EASO ma jfassalx pjan annwali ta' stazzjonament, bħalma tagħmel il-Frontex. Minflok, huwa jitlob nominazzjonijiet ta' esperti mill-Istati Membri, iżda spiss ma jirċevix rispons suffiċjenti. L-EASO mbagħad huwa obligat juża aktar *interims* biex ikopri dan in-nuqqas.

93 L-appoġġ mill-EASO fil-gżejjer Griegi xxekkel minn problemi operazzjonali addizzjonali (il-[Kaxxa 7](#)).

Kaxxa 7

Problemi operazzjonali li jaffettwaw l-appoġġ li ngħata mill-EASO għall-proċeduri ta' asil fil-gżejjer Griegi

L-appoġġ li ngħata mill-EASO ġie mxekkel minn nuqqas ta' spazju ta' ħidma u minn tħassib dwar is-sigurtà (irvellijiet, toroq ta' evakwazzjoni mblukkati). Pereżempju, fil-hotspot ta' Samos, fejn hemm affollament eċċessiv, l-EASO wettaq biss erba' intervisti għal kull xift, billi huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu erba' stazzjonijiet tax-xogħol biss. Fix-xitwa ma kienx hemm xiftijiet wara nofsinhar, minħabba tħassib dwar is-sigurtà tal-persunal tal-EASO wara nżul ix-xemx.

L-intervisti ta' ammissibbiltà, li jdumu bejn sagħtejn u tliet sigħat, jitwettqu għan-nazzjonalitajiet kollha b'rata ta' rikonoxximent oġġla minn 25 %. Il-GAS sistematikament jannulla l-opinjonijiet legali tal-EASO (osservazzjonijiet finali) dwar l-inammissibbiltà għal kulħadd għajr Sirjani li huma suġġetti għal protezzjoni temporanja fit-Turkija, billi l-GAS (għall-kuntrarju tal-EASO u tal-Kummissjoni) ġeneralment ma jqisx lit-Turkija bħala "pajjiż terz sikur" għall-protezzjoni internazzjonali. L-ineffiċjenza li tirriżulta ġiet indirizzata parzjalment bil-fużjoni tal-intervisti ta' ammissibbiltà u ta' eliġibbiltà f'pass wieħed fl-2017. Minn Settembru 2018, l-EASO ħareġ osservazzjonijiet finali dwar l-ammissibbiltà u l-eliġibbiltà b'mod simultanju mal-GAS, biex jevita konsultazzjonijiet mhux meħtieġa bejn iż-żewġ entitajiet.

Skont l-istatistika, fl-opinjoni jiet tiegħu tal-2018, l-EASO qies li 70 % tal-applikanti u tal-membri tal-familja li ġew intervistati kienu vulnerabbli (jew kienu jirrikjedu valutazzjoni medika ulterjuri), skont il-kategoriji ddefiniti mil-liġi Griega, bir-riżultat li l-GAS irrefera lil dawn il-persuni għall-proċedura regolari. Aħna osservajna nuqqas ta' qbil bejn l-EASO u l-GAS dwar l-eżiti ta' dawn il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà. Dan in-nuqqas ta' approċċ armonizzat wassal għal konsultazzjonijiet ineffiċjenti bejn iż-żewġ entitajiet³¹. La l-GAS u lanqas l-EASO ma jgħbruh statistika dwar ir-rata ta' annullament tal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà li tippermettilna nivalutaw il-kobor ta' din il-problema.

Nuqqas ta' informazzjoni mill-Istati Membri u ta' koordinazzjoni mal-AMIF fl-operazzjonijiet ta' appoġġ li ngħata mill-Frontex għal dak li jirrigwarda r-ritorn furzat

94 Aħna nqisu li l-operazzjonijiet ta' ritorn kollha mwettqa mill-Frontex huma rilevanti għall-ħtiġijiet identifikati fil-qasam tar-ritorni.

95 Mill-2016 'il hawn, il-Frontex setgħet tikkoordina u torganizza operazzjonijiet ta' ritorn furzat fuq inizjattiva proprja tagħha. Madankollu, biex hija tkun tista' tippjana aħjar dawn l-operazzjonijiet, l-Istati Membri jkunu meħtieġa li jipprovdu sistematikament informazzjoni operazzjonali robusta u f'waqtha fuq bażi regolari (eż. *data* aġġornata dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu eliġibbli għar-ritorn, il-pajjiż ta' orijini tagħhom, l-għadd tagħhom f'ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija, id-data tat-tmiem tad-detenzjoni tagħhom, eċċ.).

96 Minn meta l-mandat tal-Frontex ġie estiż fl-2016, kien hemm żewġ strumenti tal-UE għal attivitajiet ta' ritorn furzat (il-programm nazzjonali taħt l-AMIF u l-appoġġ għar-ritorn mogħti mill-Frontex). Iż-żewġ strutturi ta' finanzjament tal-UE eżistew b'mod parallel biex jiffinanzjaw l-istess tip ta' attivitajiet relatati mar-ritorn furzat (operazzjonijiet konġunti, operazzjonijiet nazzjonali u titjiriet kummerċjali skedati). Fil-kuntest tal-livell baxx ta' ritorni, dan iwassal biex il-potenzjal tal-Frontex li joffri appoġġ għar-ritorn ma jgħix sfruttat (il-*Kaxxa 8*).

³¹ Għall-kuntrarju tal-proċedura ta' asil regolari, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà hija kruċjali fil-proċedura rapida fuq il-fruntiera tal-Greċja, billi tiġi eliminata r-restrizzjoni ġeografika għall-applikanti li jitqiesu bħala li huma vulnerabbli u jingħaddu għall-proċedura regolari/aċċellerata fil-Greċja kontinentali.

Kaxxa 8

Eżempju ta' koordinazzjoni insuffiċjenti bejn l-appoġġ mogħti mill-Frontex u dak mogħti mill-AMIF għal operazzjonijiet ta' ritorn furzat


Il-Greċja rarament organizzat operazzjonijiet konġunti ta' ritorn qabel l-2018, billi hija ma kellhiex il-kuntratt qafas proprju tagħha għal ajruplani charter. Minflok, hija pparteċipat fl-operazzjonijiet konġunti ta' Stati Membri oħra. Fl-2018, il-Greċja kkonkludiet il-kuntratt qafas proprju tagħha, iżda sa issa użatu darba biss għal operazzjonijiet nazzjonali ffinanzjati mill-programmi nazzjonali taħt l-AMIF, minflok ma organizzat operazzjonijiet konġunti ma' Stati Membri oħra biex tagħmel użu aħjar mill-kapaċità tal-ajruplani.

97 Ma hemm l-ebda struttura għall-koordinazzjoni tal-azzjoni tal-AMIF u tal-Frontex. Il-Frontex mhijiex involuta fil-programmazzjoni ta' azzjonijiet tal-AMIF li huma relatati mar-ritorn u ma għandhiex aċċess għall-informazzjoni dwar il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF jew dwar il-proġetti rilevanti ffinanzjati taħt l-AMIF.

Il-potenzjal tal-appoġġ mogħti mill-Frontex mhux qed jiġi realizzat

98 Billi l-Istati Membri ma sfruttawx bis-sħiħ il-potenzjal tal-Frontex li jappoġġa l-operazzjonijiet ta' ritorn (il-**Figura 9**), l-Aġenzija ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel użu sħiħ miż-żieda fil-baġit tagħha għall-appoġġ għar-ritorn minn mindu l-mandat tagħha ġie estż.

Figura 9 – Użu mill-baġit tal-Frontex għall-appoġġ għar-ritorn (f'miljun EUR)




Sors: Il-QEA, ibbażat fuq data tal-Frontex.

99 Kif jidher fil-*Figura 10*, il-Greċja u l-Italja huma fost l-Istati Membri li mhumiex jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tal-Frontex³². Ir-raġuni prinċipali hija l-għadd baxx ta' persuni rimpatrijati miż-żewġ pajjiżi. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni hija spjegata wkoll mill-fatt li dawn il-pajjiżi għażlu l-programm nazzjonali taħt l-AMIF minflok l-appoġġ mogħti mill-Frontex għal ritorni furzati.

³² B' mod partikolari għall-operazzjonijiet nazzjonali ta' ritorn (il-Greċja), meta jiġu organizzati operazzjonijiet konġunti ta' ritorn bl-użu tal-kuntratt qafas nazzjonali l-ġdid tal-Greċja (il-Greċja), il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet konġunti (l-Italja) jew b'titjiriet skedati (il-Greċja u l-Italja).

Figura 10 – Appoġġ li ngħata mill-Frontex għall-operazzjonijiet ta' ritorn fl-2018



(*) Ammont stmat għall-Eritreani, l-Iraqin u s-Sirjani mis-16/9/2015 sas-26/9/2017 għall-Italja, u fl-20/3/2016 għall-Greċja, ibbażat fuq data pprovduta mill-Frontex. L-Iraqin kienu biss eliġibbli sa Ġunju 2016.




Ċifri ewlenin


Il-migranti rilokati mill-Greċja rrappreżentaw madwar **22 %** tal-applikanti għall-asil kollha fil-pajjiż fil-perjodu ta' eliġibbiltà. Iċ-ċifra għall-Italja hija ta' madwar **4 %**.

80 % u **89 %** tal-migranti rreġistrati ġew fil-fatt rilokati mill-Greċja u mill-Italja rispettivament.

Ħinijiet tal-ipproċessar medjani għal talbiet għal rilokazzjoni



Migranti li ġew rilokati bħala % tal-impenn legali meħud mill-Istati Membri biex jirrilokaw 98 256 persuna



Id-Danimarka u r-Renju Unit għażu li ma jipparteċipawx. L-Ungerija u l-Polonja ma rilokawx migranti.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq data operazzjonali tal-Frontex.

100 Aħna osservajna li hemm sfidi operazzjonali li qed jaffettwaw il-kosteffiċjenza tal-operazzjonijiet charter (il-*Figura 10*).

- (i) Minħabba r-riskju li l-persuni jistgħu jaħarbu, hemm il-ħtieġa li tittieħed azzjoni rapida ladarba migrant ikun lest biex jiġi rritornat; wieħed ma jistax joqgħod jistenna sakemm it-titjira charter tkun mimlija. Dan jirriżulta f'kapaċità mhux użata (43 %) tal-inġenji tal-ajru mikrija, b'mod partikolari peress li jrid jintuża inġenju tal-ajru kbir b'medda ta' titjir suffiċjenti għal operazzjonijiet ta' ritorn fuq distanzi twal lejn l-Afrika jew l-Asja.
- (ii) L-ammonti effettivi ta' passiġġieri spiss ikunu aktar baxxi milli ppjanat (67 % fl-2018) minħabba n-nuqqas ta' dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa, talbiet għall-asil li jiġu mġedda fl-aħħar minuta, persuni li jaħarbu, eċċ.
- (iii) Il-persuni rimpatrijati jridu jkunu akkumpanjati minn ħafna membri tal-persunal (skorti, superviżuri, osservaturi, persunal mediku, eċċ.).
- (iv) L-operazzjonijiet ta' ritorn huma mxekkla wkoll mill-kooperazzjoni diffiċli mal-pajjiżi terzi³³.

101 Inġenerali, it-titjiriet skedati huma ħafna aktar kosteffiċjenti minn titjiriet charter. Min-naħa l-oħra, bejn wieħed u ieħor terz mill-operazzjonijiet ta' ritorn b'titjiriet skedati ġew ikkanċellati, prinċipalment minħabba rifjut min-naħa tal-persuna rimpatrijata, in-nuqqas ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, persuni li jaħarbu, deċiżjonijiet tal-qorti jew rifjuti min-naħa tal-kaptan.

³³ Pereżempju: L-Alġerija u l-Marokk ma jaċċettawx titjiriet charter u jippreferu ftehimiet bilaterali minflok ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE. Xi kultant, l-Alġerija tirrikjedi li r-ritorn ta' individwu jiġi kkompletat fi żmien 24 siegħa mill-ħruġ tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, u dan mhuwiex fattibbli. Il-Kostituzzjoni tal-Iran tipprojbixxi r-ritorn taċ-ċittadini tiegħu kontra r-rieda tagħhom, li jagħmel ir-ritorn furzat tagħhom impossibbli. L-awtoritajiet tat-Tuneżija jaċċettaw biss persuni rimpatrijati mill-Italja u mill-Ġermanja permezz ta' titjiriet charter skont il-ftehimiet bilaterali ta' riammissjoni rispettivi. It-Turkija ma tapplikax il-klawsola taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi tal-ftehim ta' riammissjoni UE-Turkija fil-prattika. L-Afganistan biss jaċċetta dokumenti tal-ivvjaġġar tal-UE li jkunu temporanji. In-Niġerja (u ħafna pajjiżi Afrikani oħra) ma għandhomx reġistru komplet taċ-ċittadini tagħhom, u dan jagħmel l-identifikazzjoni tagħhom diffiċli.

Minkejja ż-żieda fil-kapaċità, iż-żminijiet tal-ipproċessar tal-asil għadhom twal u r-ritorni ta' migranti irregolari jibqgħu ftit

102 Aħna vvalutajna l-impatt tal-azzjonijiet ta' appoġġ li ttieħdu mill-UE fil-livell nazzjonali billi eżaminajna jekk il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn kinux saru aktar rapidi u effettivi, filwaqt li analizzajna:

- iż-żminijiet medji tal-ipproċessar bejn l-istadji ewlenin tal-proċedura ta' asil (ara l-[Figura 11](#));
- l-ikklerjar tal-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-asil li jkunu pendenti;
- is-sehem ta' appelli li jannullaw id-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza dwar l-asil;
- l-għadd ta' ritorni reali meta mqabbel mal-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa;
- iż-żminijiet medji tal-ipproċessar bejn l-istadji ewlenin tal-proċedura ta' ritorn (ara l-[Figura 12](#)).

Figura 11 – Proċedura ta' asil



Sors: II-QEA.

Figura 12 – Proċedura ta' ritorn



Sors: II-QEA.


103 Matul il-kriżi, il-biċċa l-kbira mill-migranti irregolari li vvjaġġaw lejn l-Ewropa waslu jew fl-Italja jew inkella fil-Greċja. Iż-żewġ Stati Membri evolwew minn pajjiżi ta' tranżitu għal pajjiżi fejn il-migranti japplikaw għall-asil. Billi s-sitwazzjoni attwali fiż-żewġ pajjiżi hija differenti, aħna qed nippreżentaw is-sejbiet tagħna dwar il-proċeduri ta' asil għal kull wieħed minnhom b' mod separat. Barra minn hekk, id-*data* dwar l-asil li nġabret u li ġiet analizzata ma tippermettix li jsir tqabbil dirett tas-sistemi ta' asil tal-Greċja ma' dawk tal-Italja.

Is-sistema ta' asil tal-Greċja hija kollha kemm hi mgħobbija żżejjed, minkejja żieda kbira fil-kapaċità tal-ipproċessar

L-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet qed tiżdied minkejja żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar

104 Is-Servizz tal-Asil Grieg (GAS) beda jopera f'Ġunju 2013. Bl-appoġġ tal-EMAS taħt l-AMIF, tal-programm nazzjonali taħt l-AMIF, tal-EASO u tal-UNHCR, il-forza tax-xogħol tiegħu kibret fi snin reċenti, u dan żied il-kapaċità tiegħu li jipproċessa deċiżjonijiet fl-ewwel istanza (ara l-[Figura 13](#)).

Figura 13 – Persunal tal-GAS bi tqabbil mad-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-GAS u tal-EUROSTAT.

105 Minkejja din iż-żieda fir-riżorsi tal-persunal, il-kapaċità attwali ta' trattament tal-każijiet min-naħa tal-impjegati tal-GAS għadha insuffiċjenti fid-dawl tal-għadd dejjem jgħadd ta' applikazzjonijiet għall-asil. Fl-2018, il-GAS kellu medja ta' 240 persuna responsabbli mill-każijiet. Aħna stmajna li l-GAS ikun jeħtieġ bejn wieħed u ieħor 110 persuni oħra li jkunu responsabbli mill-każijiet biex sempliċement jipprevjenu l-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet fl-ewwel istanza (billi jiġu diviżi s-66 970 applikazzjoni għall-asil li ġew riċevuti fl-2018 bir-rata ta' produttività standard ta' 16-il każ kull xahar għal kull persuna responsabbli mill-każijiet). Minbarra d-diffikultà fir-reklutaġġ ta' persunal ikkwalifikat, fattur ieħor li jillimita ż-żieda ulterjuri fil-kapaċità tal-GAS huwa n-nuqqas qawwi ta' spazju ta' ħidma (il-*Kaxxa 9*).


Kaxxa 9

Nuqqas ta' spazju ta' ħidma fis-Servizz tal-Asil Grieg

F'Ateni, is-servizzi ċentrali tal-GAS jokkupaw bini qadim b'uffiċċji ffullati. L-uffiċċji tal-intervisti, tar-reġistrazzjoni u tal-unità ta' Dublin jinsabu f'kontejners barra mill-bini prinċipali, fejn il-fajls jitqiegħdu fuq xulxin mal-art minħabba n-nuqqas ta' spazju. In-nuqqas ta' spazju kien viżibbli anki matul iż-żjara tal-awditjar li wettaqna fil-hotspots ta' Lesbos u ta' Samos.

106 L-għadd totali ta' każijiet pendenti fl-ewwel istanza kważi rdoppja bejn nofs l-2017 u tmiem l-2018, u kien hemm żieda qawwija fl-għadd ta' każijiet li ilhom aktar minn sitt xhur (il-*Figura 14*).

Figura 14 – Każijiet pendenti fl-ewwel istanza fil-Greċja




Din iċ-ċifra tkopri kemm il-parti kontinentali kif ukoll il-gżejjer, iżda ma tinkludix l-akkumulazzjoni fl-istadju tal-prereġistrazzjoni, li għaliha ma ksibna l-ebda *data* mill-awtoritajiet nazzjonali.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-EASO.

107 Id-dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 kellha impatt kbir fuq is-sitwazzjoni tal-asil fil-Greċja. Il-qsim irregolari tal-fruntiera mit-Turkija għall-Greċja naqas drastikament (ara l-**Figura 15**). Madankollu, fl-istess ħin, il-GAS tqiegħed taħt pressjoni konsiderevoli billi l-maġġoranza vasta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qed japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-Greċja minn meta ngħalqet ir-rotta tal-Balkani.

Figura 15 – Qsim irregolari tal-fruntieri fil-Lvant tal-Mediterran




Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* ta' kull xahar mill-Frontex.

108 B'rispons għad-dikjarazzjoni UE-Turkija, ġiet introdotta proċedura rapida fuq il-fruntiera³⁴ fil-gżejjer Griegi. Din tfasslet biex tikkomplementa l-proċeduri ta' asil regolari u aċċellerati eżistenti (ara l-flowchart fil-**Figura 16**). L-akkumulazzjoni ta' każijiet pendenti fl-ewwel istanza fil-gżejjer kienet ta' 24 533 fi tmiem Marzu 2019³⁵.

³⁴ Għall-applikanti rregolati mid-dikjarazzjoni UE-Turkija, jiġifieri dawk li waslu fil-gżejjer Griegi wara l-20 ta' Marzu 2016, għajr dawk ikkategorizzati bħala li huma vulnerabbli u l-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja skont ir-Regolament ta' Dublin. Għall-ewwel darba, il-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" japplika għall-applikanti ta' nazjonalità b'rata ta' rikonoxximent ta' aktar minn 25 %, inklużi s-Sirjani, biex jiġu ffaċilitati r-ritorni rapidi.

³⁵ Fl-istadju tal-prereġistrazzjoni: 2 389 każ; fl-istadju tal-intervista skedata: 14 132 każ; fi tmiem il-proċess: 8 012-il każ.


Figura 16 – Flowchart li tissimplifika l-proċedura rapida fuq il-fruntiera fil-gżejjer Griegi



Iż-żminijiet tal-ipproċessar qed jiżdiedu dejjem aktar

109 Fl-2018, iż-żminijiet tal-ipproċessar tal-asil – mir-reġistrazzjoni sad-deċiżjoni ta' appell – twalu għall-proċeduri ta' asil kollha fil-Greċja (il-*Figura 17*).

Figura 17 – Stampa ġenerali taż-żminijiet tal-ipproċessar skont il-proċedura ta' asil (f'jiem)



L-ebda *data* mhi disponibbli għaż-żminijiet tal-ipproċessar fl-istadju tal-appell għall-proċedura aċċellerata u għall-każijiet fil-livell tal-qradi amministrattivi tal-appell u tal-Kunsill tal-Istat.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-GAS u mill-Awtorità tal-Appell Griega.

110 Il-persunal tal-GAS u tal-EASO jwettqu l-intervisti għall-proċedura rapida fuq il-fruntiera fil-ħames gżejjer Griegi li għandhom hotspots. Għalkemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi skadenzi li huma stretti ħafna (jenħtieġ li l-intervista għall-asil titwettaq f'jum wieħed mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, u d-deċiżjoni fl-ewwel istanza trid tittieħed f'jum wieħed mill-intervista), iż-żminijiet medji tal-ipproċessar, madankollu, żdiedu minn sena għal oħra (il-*Kaxxa 10*).

Kaxxa 10

Problemi li jaffettwaw l-effiċjenza tal-proċedura rapida fuq il-fruntiera

Il-proċedura rapida fuq il-fruntiera tinvolvi bosta partijiet ikkonċernati (is-Servizz ta' Akkoljenza u Identifikazzjoni, il-Frontex, it-tobba mill-Ministeru tas-Saħħa, il-pulizija, il-GAS u l-EASO), għaldaqstant huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni tajba bejniethom. Konġestjoni fi kwalunkwe stadju taffettwa b'mod negattiv l-effiċjenza tal-proċess kollu. Pereżempju, fl-2018, in-nuqqas³⁶ ta' tobba mill-Ministeru tas-Saħħa – li huma l-uniċi intitolati sabiex iwettqu valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà – fil-hotspots affettwa l-effiċjenza tal-proċedura kollha u b'hekk żdiedet l-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet. Eżempju ieħor huwa n-numri ta' identifikazzjoni differenti maħruġa mit-tobba tal-Ministeru tas-Saħħa u mis-Servizz ta' Akkoljenza u Identifikazzjoni. Dan ikkomplika l-identifikazzjoni ta' applikanti għall-asil vulnerabbli u l-ipproċessar tal-każijiet tagħhom.

Il-maġġoranza vasta tal-applikanti (74 % fl-2018) jiġu kategorizzati bħala li huma vulnerabbli³⁷ u jiġu esklużi mill-proċedura rapida fuq il-fruntiera. F'xi każijiet (la l-GAS u lanqas l-EASO ma jiġbru statistika preċiża), il-GAS annulla l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mwettaq mill-EASO u rrefera l-każ għal eżami mediku ulterjuri. Dan kompli jtawwal il-proċedura ta' asil għall-individwi kkonċernati. Barra minn hekk, il-GAS jannulla sistematikament l-opinjoni dwar l-inammissibbiltà li jinħarġu mill-EASO għal persuni mhux Sirjani³⁸ (il-Kaxxa 7).

Jenħtieġ li l-appelli jiġu diskussi fi żmien tlett ijiem u mbagħad id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fi żmien jumejn mid-diskussjoni jew mill-preżentazzjoni ta' rapport komplementari. Madankollu, fl-2018, iż-żmien medju tal-ipproċessar kien ta' 171 jum (il-Figura 17).

Sa tmiem l-2018, 1 806 biss mit-8 928 migrant eliġibbli għar-ritorn kienu fil-fatt ġew rritornati lejn it-Turkija skont id-dikjarazzjoni UE-Turkija.

111 Is-sitwazzjoni hija saħansitra aktar problematika meta jitqiesu l-proċeduri regolari u aċċellerati.

³⁶ Minn Awwissu 2018, ma kienx hemm tobba mill-Ministeru tas-Saħħa f'Chios, filwaqt li żewġ tobba stazzjonati f'Lesbos irriżenjaw fi tmiem Ottubru 2018. Minn Diċembru 2017, fil-gżejjer ta' Leros, Samos u Kos, fil-biċċa l-kbira, kien hemm tabib wieħed mill-Ministeru tas-Saħħa għal kull hotspot fil-gżejjer.

112 Iż-żmien medju mir-reġistrazzjoni sad-deċiżjoni fl-ewwel istanza skont il-proċedura regolari żdied minn 84 jum fl-2016 għal 241 jum fl-2018. Dan il-perjodu x'aktarx jitwal aktar, billi aħna sibna eżempji ta' applikanti għall-asil li ppreżentaw applikazzjonijiet fl-2018 u li rċewew appuntamenti għal intervista fl-2022 jew saħansitra fl-2023.

113 Fil-każ tal-proċedura aċċellerata għall-applikanti mis-Sirja, mill-Palestina jew mingħajr nazzjonalità, iż-żmien medju mir-reġistrazzjoni sad-deċiżjoni fl-ewwel istanza żdied b'aktar mid-doppju, minn 142 jum fl-2016 sa 303 ijiem fl-2018. Aħna osservajna każijiet ta' Sirjani li applikaw fl-2018 u li ma ġewx offruti li jiġu intervistati sa Marzu 2021, u dan jindika li hemm riskju li dan il-perjodu jiżdied.

114 Dan joħloq paradoss għas-Sirjani ammissibbli u għall-applikanti vulnerabbli fuq il-gzejjer³⁹. Minkejja li tneħħitilhom ir-restrizzjoni ġeografika u jistgħu jħallu l-gżejjer, huma jridu jistennew ħafna aktar biex il-każ tagħhom jiġi eżaminat fuq il-mertu fil-Greċja kontinentali milli kieku baqgħu fil-proċedura rapida fuq il-fruntiera fil-gzejjer⁴⁰.

L-awtoritajiet tal-appell huma mgħobbija żżejjed

115 Il-Greċja għamlet sforz biex iżżid il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-appell tagħha. F'Diċembru 2018, l-għadd ta' kumitati ta' appell żdied minn 12 għal 20. Din il-kapaċità akbar hija meħtieġa ħafna biex tiġi evitata s-sitwazzjoni tal-2017, meta l-kumitati tal-appelli pendenti kienu għadhom qed jikklerjaw l-appelli pendenti ta' qabel l-2013 (ara l-proġett GR-1 tal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF fl-*Anness IV*).

³⁷ Il-liġi Griega tiddefinixxi seba' kategoriji ta' vulnerabbiltà: 1. Persuni b'diżabbiltà jew b'mard serju; 2. Vittmi ta' vjolenza serja; 3. Nisa tqal jew nisa bi trabi; 4. Minorenni mhux akkumpanjati; 5. Ġenituri waħidhom; 6. Anzjani; 7. Vittmi tat-traffikar ta' bnedmin.

³⁸ Sa tmiem l-2018, it-3 737 każ kollha ta' persuni mhux Sirjani kienu ġew ammessi għal eżaminar tal-merti tagħhom fil-Greċja, għajr għal żewġ każijiet li jikkonċernaw persuni Palestinjani li tqiesu bħala inammissibbli.

³⁹ Sa tmiem l-2018, 889 Sirjan ammissibbli u 42 288 migrant vulnerabbli.

⁴⁰ Skont il-Kunsill Grieg tar-Rifuġjati, xi applikanti vulnerabbli mill-Palestina (li jkollhom rata għolja ta' rikonoxximent u l-possibbiltà reali li jiksbu protezzjoni internazzjonali) jippreferu li ma jiġux identifikati bħala vulnerabbli sabiex jibqgħu fil-proċedura rapida fuq il-fruntiera u b'hekk il-każ tagħhom jiġi pproċessat b'mod aktar rapidu.

116 Fi tmiem l-2018, l-awtoritajiet tal-appell kellhom 13 755⁴¹ każ li kienu għadhom pendenti. Sehem konsiderevoli tad-deċiżjonijiet negattivi fl-ewwel istanza (li rrappreżentaw kważi nofs dawn id-deċiżjonijiet mill-2013 'il hawn) jgħaddi għall-istadju tal-appell, li jqiegħed pressjoni addizzjonali fuq l-awtoritajiet tal-appell. Iż-żminijiet medji tal-ipproċessar kemm fuq il-Greċja kontinentali kif ukoll fil-gżejjer twalu bejn l-2016 u l-2018.


117 Ma huwa ppjanat l-ebda proġett iffinanzjat mill-AMIF biex jipprovdi appoġġ lill-kumitati ta' appell, u l-appoġġ mill-EASO huwa limitat minħabba l-involvement tiegħu fl-istadju tal-ewwel istanza.

Indikazzjonijiet ta' tnaqqis fil-kwalità tad-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza li jittieħdu fil-gżejjer

118 Indikatur possibbli tal-kwalità tad-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza huwa l-perċentwal ta' deċiżjonijiet annullati fost l-appelli mressqa quddiem l-awtoritajiet tal-appell. Il-**Figura 18** turi rata baxxa ta' deċiżjonijiet annullati għall-Greċja kontinentali, iżda s-sitwazzjoni fil-gżejjer marret għall-agħar b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar sentejn. Dan jissuġġerixxi tnaqqis fil-kwalità tad-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza (17.8 % ġew annullati mill-awtoritajiet tal-appell fl-2018).

⁴¹ Madankollu, dawn ma jinkludux il-każijiet fil-livell tal-qrati superjuri u tal-Kunsill tal-Istat, li dwarhom ma ġiet ipprovduta l-ebda *data*.

Figura 18 – Sehem ta' deċiżjonijiet negattivi li ttieħdu fl-ewwel istanza u li ġew annullati



Gżejjer: Lesbos, Kos, Leros, Samos, Chios.

Ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* dwar deċiżjonijiet ta' appell pożittivi għall-protezzjoni umanitarja.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Awtorità tal-Appell Griega.


Fl-Italja, l-akkumulazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-asil tingħadda lill-awtoritajiet tal-appell li huma mgħobbija żżejjed

Tnaqqis fl-akkumulazzjoni ta' każijiet pendenti fl-ewwel istanza

119 L-awtoritajiet Taljani ma setgħux jiġġeneraw l-informazzjoni li tlabna dwar l-evoluzzjoni annwali tal-għadd ta' każijiet pendenti/tal-akkumulazzjoni li kien hemm mill-2015 'il hawn fl-istadji tar-reġistrazzjoni, tal-preżentazzjoni, tal-appell u tad-deċiżjoni finali. Għalhekk, din it-taqsimha tkopri biss l-għadd ta' każijiet pendenti/akkumulazzjoni fl-istadju tad-deċiżjoni fl-ewwel istanza.

120 Mill-2016 'il hawn, il-wasliet fl-Italja rreġistraw xejra qawwija 'l isfel: fl-2017, dawn naqsu b'34 % meta mqabbel mas-sena preċedenti, u fl-2018 naqsu bi 80 % aktar (il-**Figura 19**). L-applikazzjonijiet għall-asil naqsu b'56 % mill-2016 sal-2018.


Figura 19 – Wasliet u applikazzjonijiet għall-asil



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Ministeru għall-Intern (wasliet) u mill-Eurostat (applikazzjonijiet).

121 Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Asil (NAC), flimkien mal-fergħat reġjonali tagħha, tivvaluta l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-Italja u hija responsabbli biex toħroġ deċiżjonijiet fl-ewwel istanza. Bl-appoġġ tal-baġit nazzjonali, il-kapaċità tal-persunal tagħha żdiedet mill-2014 sal-2018 (ara l-[Figura 20](#)). Ir-rinforz tal-persunal żied il-kapaċità tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet fl-ewwel istanza.


Figura 20 – Membri tal-kummissjonijiet territorjali tal-asil bi tqabbil mad-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Asil u mill-EUROSTAT.

122 Sa tmiem l-2017, in-NAC kienet għadha qed issibha diffiċli biex tittratta l-għadd dejjem jikber ta' applikazzjonijiet għall-asil. Sa Diċembru 2017, il-każijiet pendenti kienu żdiedu għal 149 006, u dan qiegħed pressjoni sinifikanti fuq is-sistema ta' asil tal-Italja. Madankollu, din is-sitwazzjoni nbidlet fl-2018, meta l-akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet naqset drammatikament b'45 % bis-saħħa ta' żieda ulterjuri fil-kapaċità tal-ipproċessar fl-ewwel istanza, flimkien ma' tnaqqis sinifikanti fil-wasliet. Dan irriżulta f'ammont inqas ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali (il-[Figura 21](#)).

Figura 21 – Każijiet pendenti fl-ewwel istanza fl-Italja



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-EASO.

123 In-NAC tipprevedi li tikklerja l-akkumulazzjoni kollha fl-ewwel istanza sa tmiem l-2019. Madankollu, meta dawn l-isforzi jiġu kkombinati mal-politika aktar iebsa dwar il-migrazzjoni (l-abolizzjoni tal-protezzjoni umanitarja u t-tnaqqis fir-rata ta' rikonoxximent⁴²), fi żmien sena, huwa mistenni li volum kbir ta' każijiet ta' rifjut jgħaddu għall-istadju tal-appell, li huwa diġà mgħobbi żżejjed (ara l-paragrafu **127** hawn taħt).

Iż-żminijiet tal-ipproċessar qed jiżdiedu


124 Mis-sistemi tal-IT Taljani mhuwiex possibbli li jiġi estratt iż-żmien tal-ipproċessar medjan jew medju li jittieħed bejn l-iżbark, il-formulazzjoni tal-applikazzjoni għall-asil u r-reġistrazzjoni tagħha fi *questura*.

125 Skont il-proċedura regolari, il-leġiżlazzjoni Taljana tistabbilixxi żmien massimu ta' 33 jum⁴³ mid-data tal-preżentazzjoni ta' talba sal-ħruġ ta' deċiżjoni fl-ewwel istanza. Il-**Figura 22** turi li ż-żmien medju tal-ipproċessar żdied konsiderevolment mill-2015 sal-2018.

⁴² Ir-rata ta' rikonoxximent fl-2018 kienet ta' 32 %. Din kienet tinkludi 21 % għall-protezzjoni umanitarja. Billi l-protezzjoni umanitarja ġiet abolita, ir-rata ta' rikonoxximent naqset fl-2019 (19 % fl-ewwel nofs tal-2019).

⁴³ L-intervista personali trid issir fi żmien 30 jum mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, u trid tittieħed deċiżjoni fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara l-intervista.

Figura 22 – Żminijiet medji tal-ipproċessar fl-ewwel istanza fl-Italja (f'jiem)




Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Ministeru għall-Intern Taljan.

126 Kwistjoni kritika hija n-nuqqas ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-IT li tippermetti l-insewiment tal-prestazzjoni mill-bidu sat-tmiem tal-proċedura, inkluż l-istadju (tal-appell) ġudizzjarju. Il-kummissjonijiet territorjali tal-asil jirreġistraw id-deċiżjonijiet ta' appell b'mod manwali u dan jeħdilhom il-ħin u jxekkel il-kompletezza u l-affidabbiltà tad-*data*. Mhux id-deċiżjonijiet kollha jiġu ppreżentati sistemikament lill-kummissjoni territorjali. Huma jridu jiġbru informazzjoni mill-migranti jew mill-*questure*. Barra minn hekk, il-kummissjonijiet territorjali jieħdu wkoll il-ħin biex itellgħu d-deċiżjonijiet meħuda minnhom fl-ewwel istanza. In-nuqqas ta' *data* affidabbli u f'waqtha dwar id-deċiżjonijiet negattivi fl-istadji kollha jimpedixxi wkoll il-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn mill-*questure*.

L-awtoritajiet tal-appell huma mgħobbija żżejjed

127 Il-*Figura 23* turi li deċiżjoni finali wara s-sessjonijiet kollha possibbli ta' appell tista' ddum 4.3 snin. Għalhekk, huwa probabbli li l-appoġġ li jingħata lill-awtoritajiet ġudizzjarji jsir il-ħtieġa l-aktar urġenti għas-sistema ta' asil Taljana.

Figura 23 – Żmien medju meħtieġ biex tintlaħaq deċiżjoni finali dwar l-applikazzjonijiet tal-2015 fl-Italja



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Ministeru għall-Intern Taljan.

128 Fiż-żmien meta sar l-awditu, ma kienx hemm proġett taħt l-AMIF li jsaħħaħ il-kapaċità ġudizzjarja. L-EASO identifika din il-ħtieġa iżda sa issa pprova biss appoġġ indirett: huwa jgħin lin-NAC b'każijiet li jilħqu t-tieni istanza iżda ma jassistix direttament lill-qrati ġudizzjarji tal-appell.

Rata relattivament għolja ta' deċiżjonijiet fl-ewwel istanza li ġew annullati mill-awtoritajiet tal-appell

129 Il-*Figura 24* turi li l-awtoritajiet tal-appell annullaw 33 % mid-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza li ġew appellati fl-2018. Għalkemm hija relattivament għolja, din ir-rata kienet tjiebet xi ftit meta mqabbla mas-snin preċedenti.

Hotspots

Rilokazzjoni

Finanzjament
taħt l-AMIF


Aġenziji tal-UE

Asil fil-Greċja

Asil fl-Italja

Ritorni

Figura 24 – Sehem ta' deċiżjonijiet negattivi fl-ewwel istanza dwar l-asil li ġew annullati



Deċiżjonijiet dwar appelli mressqa bejn l-2012 u l-2015.

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* mill-Ministeru għall-Intern Taljan.

Hotspots

Rilokazzjoni

Finanzjament
taħt l-AMIF

Aġenziji tal-UE

Asil fil-Greċja

Asil fl-Italja

Ritorni

Ir-ritorn effettiv tal-migranti irregolari jibqa' problematiku fl-UE kollha

Rati baxxi ta' ritorni fl-UE kollha

130 B'kont meħud tal-għadd kbir ta' persuni li fittxew protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa mill-2015 'il hawn, ir-rata baxxa li biha l-migranti irregolari qed jiġu rritornati saret problematika għall-Greċja, għall-Italja u għall-UE kollha, kif jidher fil-**Figura 25**. Ir-rati ta' ritorni huma saħansitra aktar baxxi jekk jitqiesu biss ir-ritorni barra mill-Ewropa. Hemm ħafna raġunijiet għal dan, li aħna nanalizzaw hawn taħt.

Figura 25 – Ritorni fil-Greċja u fl-Italja


RATA TA' RITORNI EFFETTIVI FL-UE BEJN L-2014 U L-2018



RAĠUNJIET PRINĊIPALI għal-livell baxx ta' ritorni mill-Greċja u mill-Italja:

- 1 Tul tal-proċess ta' asil (paragrafu 132)
- 2 Rabtiet neqsin bejn il-proċeduri ta' ritorn u dawk ta' asil li jfikklu l-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni (133)
- 3 Nuqqas ta' sistema robusta u integrata ta' ġestjoni tal-każijiet (134)
- 4 L-ebda rikonoxximent reċiproku u ebda reġistrazzjoni sistematika tad-deċiżjonijiet ta' ritorn fl-UE (135)
- 5 Ħarbiet u diffikultà biex jinstabu l-migranti li jistgħu jiġu rritornati lejn pajjiżhom, inkluż it-traċċar ta' migranti li jikkunsidraw it-tluq volontarju (136)
- 6 Kapaċità insuffiċjenti taċ-ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija (137 u 138)
- 7 Kooperazzjoni diffiċli mal-pajjiżi terzi ta' oriġini tal-migranti (139)
- 8 Prestazzjoni baxxa tal-AVRR (140 sa 143)

Pożittiv Negattiv



Sors: Il-QEA, rati ta' ritorni kkalkulati abbażi ta' data mill-EUROSTAT.

131 Rigward l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija, il-gżejjer Griegi kienu baġtu lura biss total ta' 1 806 migranti irregolari sa tmiem l-2018. L-għadd ta' ritorni skont id-dikjarazzjoni UE-Turkija fl-2018 (322) saħansitra kompli jonqos meta mqabbel mal-2017 (687).

Għadd ta' fatturi jdgħajfu l-prestazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn

132 Wieħed mill-fatturi li jaffettwa l-prestazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn huwa t-tul tal-proċess ta' asil (ara wkoll il-paragrafi [109](#) sa [114](#) u [124](#) sa [126](#)). Barra minn hekk, rigward l-għadd limitat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jinżammu, skont ir-raġunijiet li huma permessi mil-liġi dwar l-asil, il-perjodu massimu ta' detenzjoni huwa ta' sitt xhur. Meta jintemm il-perjodu ta' detenzjoni, il-migranti jinħelsu u jistgħu jaħarbu. Fl-aħħar nett, kemm fl-Italja kif ukoll fil-Greċja, ta' spiss il-migranti jagħmlu applikazzjonijiet għall-asil fl-aħħar minuta biex idewmu l-proċedura ta' ritorn.

133 Koordinazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet tal-asil u dawk ta' ritorn hija essenzjali biex tiġi ottimizzata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u biex jiġi awtomatizzat il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn b'segwitu ta' deċiżjoni ta' ritorn negattiva (il-[Kaxxa 11](#)).

Kaxxa 11

Rabta bejn il-proċeduri ta' asil u dawk ta' ritorn fil-Greċja u fl-Italja

Fil-Greċja, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu rreġistrati bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fid-database tal-GAS li tissejjaħ ALKIONI. Fil-Greċja kontinentali, minkejja li l-Pulizija ngħatat aċċess ristrett għal ċerti moduli ta' din id-database, hija ma tiġix notifikata awtomatikament meta deċiżjoni negattiva dwar l-asil tinħareġ fis-sistema ALKIONI. Għalhekk, id-deċiżjonijiet ta' ritorn jinħarġu biss jekk persuna tinqabad. L-iskambju ta' informazzjoni fuq il-gżejjer huwa aħjar, iżda għadu informali u jiddependi fuq kuntatti personali.

L-Italja ma toħroġx deċiżjoni ta' ritorn malli tittieħed deċiżjoni negattiva dwar l-asil. Dawn iż-żewġ tipi ta' deċiżjonijiet jinħarġu minn żewġ awtoritajiet separati: il-*questure* u l-kummissjonijiet tal-asil. Il-Pulizija għandha aċċess għad-database li fiha jiġu rreġistrati d-deċiżjonijiet dwar l-asil, iżda ma tiġix notifikata awtomatikament meta tinħareġ deċiżjoni negattiva dwar l-asil. Bħal fil-Greċja, deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ biss jekk persuna tinqabad.

Kif imsemmi fil-paragrafu [126](#), in-nuqqas ta' *data* affidabbli u f'waqtha dwar id-deċiżjonijiet negattivi li jittieħdu fl-istadji tal-appell jimpedixxi wkoll il-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn mill-*questure*.

134 Il-Greċja għandha sistema tal-IT ċentralizzata (Sistema tal-Immappjar Griega) għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda din għadha mhix matura f'termini ta' informazzjoni jew funzjonalità. Hija mhix sistema integrata li timmappja l-proċess ta' ritorn kollu kemm hu. Pereżempju, ma hemmx *data* f'ħin reali dwar id-detenzjoni. Minflok, kull ċentru ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija juża l-fajl tal-Excel proprju tiegħu, u l-unità tal-koordinazzjoni fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija jkollha titlob lil kull wieħed minn dawn iċ-ċentri biex jipprovdu aġġornamenti regolari sabiex tikseb stampa ġenerali tas-sitwazzjoni. Il-Frontex qed tappoġġa lill-Greċja biex il-proċess ta' ritorni tagħha jiġi kkonvertit f'format diġitali.

135 Barra minn hekk, ma hemmx rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri tal-UE. Sal-2018, ma kienx isir skambju ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn fi ħdan l-UE. Minn Diċembru 2018, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiddaħħlu sistematikament fis-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen, biex b'hekk dawn ikunu viżibbli għall-Istati Membri kollha.

136 Ir-riskju li l-persuni jaħrabu jeżisiti wkoll f'każijiet ta' tluq volontarju. Il-kawża prinċipali għal dan hija n-nuqqas ta' sistema standard li tivverifika jekk ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qasam il-fruntiera esterna ta' pajjiż taż-żona Schengen. Għalhekk, mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit b'ċertezza jekk ċittadin ta' pajjiż terz ikunx fil-fatt telaq mill-UE, jew jekk ikunx qed jinġeba fl-Istat Membru, jew inkella jekk marx jgħix fi Stat Membru ieħor.

137 Skont id-Direttiva dwar ir-Ritorn⁴⁴, jenġtieg li l-użu tad-detenzjoni għall-finijiet ta' tneħħija jkun limitat u suġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità fir-rigward tal-mezzi użati u tal-oġġettivi fil-mira. Id-detenzjoni hija ġġustifikata biss meta jitthejja r-ritorn jew meta jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, jew inkella meta miżuri anqas koerċittivi ma jkunux suffiċjenti. Il-perjodu inizjali ta' detenzjoni huwa sa sitt xhur. Dan jista' jiġi estiż sa 18-il xahar taħt ċerti kundizzjonijiet. Fil-Greċja, attwalment hemm sitt ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija fuq il-parti kontinentali u tnejn fuq il-gżejjer ta' Lesbos u Kos. Huwa ppjanat li jkun hemm ċentru ieħor fuq Samos. Il-kundizzjonijiet f'xi wħud miċ-ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija ġew ikkritikati (ara l-proġett GR-3 fl-*Anness IV*).

138 Minkejja l-isforzi tal-Italja, il-kapaċità taċ-ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija fil-pajjiż għadhom mhumiex suffiċjenti biex jakkomodaw l-għadd ta' persuni li jridu jiġu rritornati (815-il post meta mqabbel ma' 27 070 deċiżjoni ta' ritorn maħruġa fl-2018). Ma hemm l-ebda proġett taħt l-AMIF previst biex jindirizza din il-kwistjoni.

139 Raġuni oħra għar-rata baxxa li biha l-migranti li jkunu ġew ordnati jitolqu mill-UE jiġu effettivament irritornati hija n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' xi pajjiżi terzi fl-identifikazzjoni u fir-riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom (ara wkoll il-paragrafu *100 (iv)*). Pereżempju, il-Ftehim ta' Cotonou bejn l-UE u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku jstipula⁴⁵ li dawn il-pajjiżi jridu jerġgħu jieħdu lura kull ċittadin tagħhom li jkun preżenti b'mod illegali fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, mingħajr formalitajiet ulterjuri. Fil-prattika, din id-dispożizzjoni legali ma tiġix rispettata.

⁴⁴ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008.

⁴⁵ L-Artikolu 13.5c tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou f'Ġunju 2000.

Ir-ritorni volontarji assistiti u r-riintegrazzjoni qed jiffaċċjaw sfidi operazzjonali

140 Mingħajr l-ebda approċċ armonizzat fl-UE, il-pakketti tal-AVRR ivarjaw fost l-Istati Membri. Skont is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, mhux inqas minn 90 programm speċifiku tal-AVRR ġew stabbiliti mill-Istati Membri tal-UE, ikkofinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

141 Sa issa, l-operazzjonijiet tal-AVRR irrappreżentaw biss frazzjoni mir-ritorni totali fl-Italja (15 % fl-2018), billi bosta kwistjonijiet ipprevenew lill-proġetti tal-AVRR milli jikkontribwixxu b'mod effettiv biex tiġi solvuta l-problema tar-ritorni (il-[Kaxxa 12](#)).

Kaxxa 12

Eżempji ta' problemi li jxekklu l-effettività tal-proġetti tal-AVRR fl-Italja

Fl-2015/2016, kien hemm lakuna ta' sena li matulha ma ġie implimentat l-ebda programm tal-AVRR, minħabba t-tranżizzjoni tardiva lejn il-Fond tal-AMIF. L-ebda kampanja nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni ma akkumpanjat il-proġetti tal-AVRR ifffinanzjati taħt l-AMIF li tnedew fl-2016, u kull proġett wettaq l-attivitajiet ta' informazzjoni tiegħu b'mod individwali (ara l-paragrafu 71 dwar it-trikkib). Barra minn hekk, meta nbdeu il-proġetti ma kellhomx attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni effettivi. Is-sitwazzjoni mbagħad ġiet indirizzata bl-introduzzjoni ta' persunal ddedikat għas-sensibilizzazzjoni: konsulenti reġjonali. Il-miri ssettjati għall-indikaturi tal-proġetti ma kinux ambizzjużi meta jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet.

Grupp kbir ta' migranti li baqgħu fl-Italja illegalment ġew esklużi mill-programm tal-AVRR, peress li, biex ikun eliġibbli, migrant irid japplika għall-AVRR fi żmien qasir ħafna ta' 7-30 jum wara l-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn.

Iż-żmien meħtieġ mill-applikazzjoni sal-approvazzjoni min-naħa tal-*questura* jew tal-prefettura kien twil, b'medja ta' 37 jum (fil-proġett IT-3) u 40 jum (fil-proġett IT-2). Billi l-Italja ma għandhiex akkomodazzjoni għall-applikanti tal-AVRR, it-tul taż-żmien ta' stennija ikkontribwixxa għar-rata għolja ta' abbandun ta' 27 %⁴⁶.

Fl-aħħar nett, kien hemm lakuna fil-programm tal-AVRR billi, wara li l-proġetti ntemmu f'Ġunju 2018, ma ġietx ippubblikata sejħa ġdida sa Ottubru 2018. Din is-sejħa kienet qed tiġi evalwata fiż-żmien meta saret iż-żjara tal-awditjar li wettaqna fi Frar 2019. L-IOM infurmatna li hija ma kinitx ipparteċipat minħabba li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż kienu rigorużi wisq⁴⁷.

⁴⁶ L-istatistika riċevuta mill-IOM tiżvela dan li ġej: mill-1 606 applikazzjonijiet għall-AVRR riċevuti mill-aġenzija bejn Jannar u Settembru 2018, 67 (4 %) ma ġewx approvati, 169 (10 %) qatt ma rċewew risposta mill-awtoritajiet, 118 (7 %) ikkanċellaw l-applikazzjoni tagħhom qabel l-approvazzjoni u 319 (20 %) ikkanċellaw l-applikazzjoni wara l-approvazzjoni.

⁴⁷ Skont ir-regoli fl-aħħar sejħa għal proposti, l-ispejjeż ikunu eliġibbli biss jekk migrant jiġi effettivament irritornat. Billi l-migranti jistgħu jibdlu l-fehma tagħhom fl-aħħar minuta, l-ispejjeż kollha sa dak il-mument ikollhom jiġġarrbu mill-aġenzija.

142 Fil-Greċja, il-programm tal-AVRR implimentat mill-IOM qed jilħaq l-objettivi tiegħu⁴⁸. Madankollu, l-assistenza għar-riintegrazzjoni, li tappoġġa lill-benefiċjarji hekk kif jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, hija disponibbli biss għal 26 % mill-applikanti. Din il-lakuna fil-forniment ta' assistenza għar-riintegrazzjoni setgħet tiġi koperta parzjalment mill-Programm ta' Azzjoni Speċifika tan-Netwerk Ewropew dwar Strument ta' Riintegrazzjoni (ERIN)⁴⁹, iżda l-Greċja għadha ma għamlitx użu minnu.

143 Barra minn hekk, filwaqt li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-programm fil-Greċja kontinentali ma għandux limitu, il-migranti fuq il-gżejjer iridu japplikaw għall-AVRR fi żmien qasir ħafna (15-il jum wara deċiżjoni negattiva fl-ewwel istanza mill-GAS).

144 Minkejja dan ta' hawn fuq, ġie osservat eżempju ta' prassi tajba fiċ-Ċentru Miftuħ ta' Attiko Alsos għal migranti li huma rreġistrati għal ritorn volontarju assistit u għal riintegrazzjoni, li joffri ambjent sikur u appoġġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li b'mod volontarju jiddeċiedu li jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom (ara l-**Kaxxa 13**).

Kaxxa 13

Eżempju ta' prassi tajba fl-AVRR

Iċ-Ċentru Miftuħ ta' Attiko Alsos għal migranti li huma rreġistrati għal ritorn volontarju assistit u għal riintegrazzjoni, iffinanzjat minn EMAS taħt l-AMIF, ġie stabbilit qrib iċ-ċentru ta' Atena sabiex jipprovdi kenn lil migranti fil-Greċja li jkunu rreġistraw għall-programm tal-AVRR u li ma jkollhomx fejn jgħixu sakemm jasal it-tluq tagħhom. Il-benefiċjarji huma migranti vulnerabbli, iddefiniti għall-finijiet tal-proġett bħala nisa tqal, familji b'ġenitur wieħed, migranti bi ħtiġijiet mediċi, migranti anzjani u migranti foqra. Iċ-Ċentru Miftuħ għandu konnessjonijiet tat-trasport tajba u huwa qrib l-isptarijiet u s-servizzi konsulari. Huwa jipprovdi servizzi li huma essenzjali għall-migranti vulnerabbli sakemm huma jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

⁴⁸ Skont l-IOM, mill-1 ta' Ġunju 2016 sal-14 ta' Marzu 2019, 17 740 ċittadin ta' pajjiżi terzi applikaw għall-AVRR u 15 031 (85 %) irritornaw lejn pajjiżhom.

⁴⁹ Dan il-programm konġunt ta' ritorn u riintegrazzjoni għandu l-għan li jimplementa r-ritorn sostenibbli u r-riintegrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'kooperazzjoni ulterjuri bejn l-istituzzjonijiet sħab tal-ERIN.

Ebda *data* dwar il-*ħeffa* tal-operazzjonijiet ta' ritorn

145 La s-sistemi tal-IT Griegi u lanqas dawk Taljani ma huma kapaċi jiġġeneraw statistika dwar il-*ħeffa* tal-proċeduri ta' ritorn⁵⁰. B'riżultat ta' dan, aħna ma stajniex nivvalutaw dan l-aspett.

⁵⁰ Iż-żminijiet medji tal-ipproċessar mill-*ħruġ* ta' deċiżjoni ta' ritorn sar-ritorn effettiv (kemm għal ritorni furzati kif ukoll għal dawk volontarji).

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

146 L-awditu tagħna eżamina jekk l-appoġġ li ngħata mill-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni (inkluż l-approċċ hotspot) kienx ikkontribwixxa biex il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn fil-Greċja u fl-Italja jkunu effettivi u veloċi. Aħna nikkonkludu li hemm disparitajiet bejn l-oġettivi tal-appoġġ li ngħata mill-UE u r-riżultati li nkisbu. Minkejja li kien hemm żieda fil-kapaċità tal-awtoritajiet Griegi u Taljani, l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' asil fil-Greċja u fl-Italja qed tkompli tiġi affettwata minn żminijiet tal-iproċessar li huma twal u minn konġestjonijiet. Bħal fil-bqija tal-UE, l-għadd ta' ritorni ta' ċittadini irregolari ta' pajjiżi terzi mill-Greċja u mill-Italja huwa baxx.

147 Mill-11-il rakkomandazzjoni li għamilna fl-2017 dwar l-approċċ hotspot fil-Greċja u fl-Italja, 6 ġew implimentati bis-sħiħ, 2 ġew implimentati għal dak li jirrigwarda l-Kummissjoni u l-Aġenziji, filwaqt li rakkomandazzjoni waħda għadha ma ġietx implimentata mill-Istati Membri (*l-Anness III*). Żewġ rakkomandazzjonijiet ewlenin għadhom qed jiġu implimentati (dwar il-kapaċità tal-hotspots u s-sitwazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati fil-hotspots Griegi), billi s-sitwazzjoni fil-hotspots Griegi għadha kritika ħafna (il-paragrafi [23](#) sa [27](#)).

148 Ir-rakkomandazzjoni tagħna, li l-istazzjonament tal-esperti mill-Istati Membri għandu jkun twil biżżejjed, għadha ma ġietx implimentata. Għalkemm il-Kummissjoni u l-Aġenziji appellaw ripetutament lill-Istati Membri biex jistazzjonaw aktar esperti nazzjonali, in-nuqqas ta' dawn l-esperti fl-operazzjonijiet tal-EASO għadu jippersisti. B'kuntrast ma' dan, il-Frontex kienet fil-fatt stazzjonat aktar persunal milli meħtieġ fil-hotspots Taljani, billi hija ma kinitx aġġustat il-pjan tagħha fid-dawl tal-għadd baxx ta' migranti li waslu bil-baħar. Minkejja li ftit li xejn kien hemm operazzjonijiet ta' ritorn, aħna osservajna wkoll li sehem għoli mill-iskorti esperti tal-Frontex għal operazzjonijiet ta' riammissjoni fit-Turkija kellhom profil ta' skorta biss u, għaldaqstant, ma setgħux jintużaw għal xi tip ieħor ta' operazzjoni (il-paragrafi [28](#) sa [30](#)).

149 Aħna sibna li r-rati ta' reġistrazzjoni u ta' teħid tal-marki tas-swaba' fil-hotspots kienu tjiebu b'mod sinifikanti, billi kienu ġew stabbiliti proċeduri operattivi standard u r-responsabbiltajiet ġew kondiviżi b'mod ċar bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji ta' appoġġ tal-UE. Madankollu, sehem għoli ta' migranti jibqgħu sejrin lejn Stati Membri oħra tal-UE u japplikaw għall-asil hemmhekk, mingħajr ma l-marki tas-swaba' tagħhom jiġu maħżuna fid-database tal-EURODAC (il-paragrafi [31](#) sa [34](#)).

150 L-iskemi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza, li tfasslu biex ikunu temporanji, kienu l-ewwel inizjattiva ta' solidarjetà fl-istorja tal-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li hija

mmirata lejn ir-ridistribuzzjoni fuq skala kbira ta' applikanti għall-asil fost l-Istati Membri. Madankollu, huma ma laħqux il-miri tagħhom u għaldaqstant ma taffewx b'mod effettiv il-persjoni fuq is-sistemi ta' asil Griegi u Taljani (il-paragrafi 35 sa 41).

151 Fil-fatt, is-sehem ta' migranti potenzjalment eliġibbli li ġew identifikati u orjentati b'suċċess biex japplikaw għal rilokazzjoni kien baxx ħafna (il-paragrafi 42 sa 47).

152 Sehem għoli ta' kandidati li fil-fatt applikaw ġew irrilokati (80 % fil-Greċja u 89 % fl-Italja). Madankollu, aħna sibna għadd ta' dgħufijiet operazzjonali fil-proċess ta' rilokazzjoni. Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx il-proċess ta' rilokazzjoni fil-pajjiżi li ilhom jirċievu migranti minn Frar 2018. L-iskemi ta' rilokazzjoni temporanja skadew f'Settembru 2017, u għadu ma ntlaħaq l-ebda kunsens dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal sistema ta' rilokazzjoni permanenti. Fin-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni maqbul fil-livell tal-UE, qed issir rilokazzjoni volontarja fuq bażi *ad hoc*, prinċipalment għal migranti li żbarkaw fl-Italja u f'Malta (il-paragrafi 48 sa 53).

Rakkomandazzjoni 1 – Isir użu mit-tagħlimiet meħuda biex wieħed jibni fuq l-esperjenza għall-fini ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' rilokazzjoni volontarja li jista' jkun hemm fil-futur

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża t-tagħlimiet li ttieħdu mill-iskemi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza (inkluż mis-sitwazzjoni fl-Istat Membru riċeventi wara r-rilokazzjoni) u tibni fuq din l-esperjenza għall-fini ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' rilokazzjoni volontarja li jista' jkun hemm fil-futur.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2020

153 L-EMAS taħt l-AMIF oriġinarjament tfasslet bħala strument fuq skala żgħira li jindirizza l-ħtiġijiet ta' emerġenza urġenti u speċifiċi. Iż-żieda fil-finanzjament għall-EMAS ikkontribwiet biex l-appoġġ li jingħata mill-Kummissjoni għall-kriżijiet isir aktar flessibbli u risponsiv. Hija saret l-istrument strateġiku ewlieni tal-Kummissjoni biex l-appoġġ jiġi bbilanċjat mill-ġdid lejn il-pajjiżi li huma l-aktar affettwati mill-kriżi tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-Greċja, billi tikkomplementa l-pakketti tal-programmi nazzjonali tagħhom. Din il-bidla seħħet mingħajr l-istabbilment ta' qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni. Il-Kummissjoni pproponiet li l-assistenza ta' emerġenza taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri tiġi inkluża fil-qafas finanzjarju l-ġdid għall-2021-2027 (il-paragrafi 54 sa 64).

154 Mis-sitt proġetti EMAS li ġew eżaminati, tnejn biss laħqu l-miri tagħhom kompletament, tlieta laħqu l-miri tagħhom parzjalment u wieħed għadu fl-istadju bikri tal-implimentazzjoni (il-paragrafi 65 sa 66).

155 L-10 proġetti li ġew eżaminati taħt il-programmi nazzjonali taħt l-AMIF huma kollha rilevanti. Dawn il-programmi huma strument ta' finanzjament pluriennali, iżda fil-Greċja u fl-Italja għad ma hemmx stabbiliti mekkaniżmi robusti għall-ppjanar strateġiku pluriennali biex jiżguraw li l-fondi jiġu allokatu fejn ikunu l-aktar meħtieġa (il-paragrafi 67 sa 72).

156 Mill-ħames proġetti kkompletati relatati mal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF li ġew eżaminati, l-ebda wieħed ma laħaq il-miri tiegħu bis-sħiħ: tlieta laħqu l-miri tagħhom parzjalment, wieħed ma laħaqx l-oġettivi tiegħu, u għall-aħħar wieħed, id-*data* ma kinitx suffiċjenti biex jiġi vvalutat il-progress. Il-ħames proġetti li jifdal kienu għadhom għaddejjin fiż-żmien meta sar l-awditu (il-paragrafi 73 sa 75).

157 Il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-AMIF ġie stabbilit tard u mingħajr miri. Matul l-awditu, sar evidenti li kienet meħtieġa aktar *data* dwar il-prestazzjoni biex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' evalwazzjoni robusta tal-politika fil-livell tal-UE (il-paragrafi 76 sa 82).

Rakkomandazzjoni 2 – Tiġi msaħħa l-ġestjoni tal-assistenza ta' emerġenza u tal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tiddefinixxi kriterji għall-allokazzjoni tal-fondi għall-EMAS taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri fil-qafas finanzjarju li jmiss;
- (b) issaħħaħ il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni billi:
 - (i) tiżgura li l-proġetti EMAS taħt l-AMIF ikunu jinkludu, fejn ikun xieraq, indikaturi tal-output u tal-eżitu b'miri u linji bażi ċari, u tipprovdi ġustifikazzjoni meta dan ma jkunx il-każ;
 - (ii) timmonitorja u tirrapporta l-eżiti li nkisbu mill-proġetti ffinanzjati mill-EMAS;
 - (iii) għall-QFP il-ġdid għall-2021-2027, tfassal l-indikaturi tas-CMEF tal-AMIF, inklużi l-linji bażi u l-miri tagħhom qabel ma jinbdeu il-proġetti għall-2021-2027;

- (c) timplimenta miżuri li jiżguraw il-komplementarjetà u koordinazzjoni aħjar bejn l-AMIF u l-EASO/il-FRONTEX (eż. fil-qasam tar-ritorni furzati jew tal-appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-asil).

Data mmirata għall-implimentazzjoni: it-30 ta' Ġunju 2021

158 L-awtoritajiet nazzjonali kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja jivvalutaw is-sostenn operazzjonali pprovdut mill-EASO bħala rilevanti u utli. Madankollu, il-pjanijiet ta' sostenn operazzjonali pprovdut mill-EASO sal-2018, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, kienu mmexxija mill-input, u ma kellhomx miri għall-outputs u għall-eżiti biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-EASO. Is-sitwazzjoni fl-2019 qed titjeb gradwalment (il-paragrafi [83](#) sa [89](#)).

159 Filwaqt li n-nuqqas ta' esperti mill-Istati Membri huwa kkumpensat minn fornituri *interim* ta' servizzi, id-durata qasira tal-istazzjonament tal-esperti għadha problema. L-operazzjonijiet tal-EASO fil-hotspots Griegi huma affettwati minn problemi relatati mas-sigurtà, nuqqas ta' spazju ta' ħidma, nuqqas ta' qbil mal-GAS dwar il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, u l-annullament sistematiku ta' deċiżjonijiet ta' nuqqas ta' ammissibbiltà għal persuni mhux Sirjani min-naħa tal-GAS (il-paragrafi [90](#) sa [93](#)).

Rakkomandazzjoni 3 – Isir titjib fis-sostenn operazzjonali pprovdut mill-EASO għall-proċeduri ta' asil

Jenħtieġ li l-EASO:

- (a) jaġġusta l-mudell ta' stazzjonament tal-esperti tiegħu biex jagħmlu aktar prevedibbli minħabba n-nuqqas permanenti ta' esperti mill-Istati Membri;
- (b) jikkompleta l-oqfsa ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tiegħu għall-Greċja u għall-Italja billi jżid indikaturi tal-eżiti, linji bażi u miri, u billi jiġbor id-*data* rilevanti dwar il-prestazzjoni għall-indikaturi kollha;
- (c) jikkollabora mal-GAS biex jingħeleb in-nuqqas ta' qbil rigward il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-ammissibbiltà ta' persuni mhux Sirjani fil-proċedura rapida fuq il-fruntiera.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2020

160 Il-Greċja u l-Italja huma fost l-Istati Membri li ma ħadux vantaġġ sħiħ mill-potenzjal tal-Frontex għall-operazzjonijiet ta' ritorn (mandat estiż u żieda fil-baġit). Is-

sitwazzjoni tista' tiġi spjegata mhux biss mill-għadd baxx ta' persuni rimpatrijati, iżda anki mill-eżistenza ta' żewġ strumenti paralleli ta' finanzjament mill-UE li jappoġġaw l-istess tip ta' attivitajiet (ritorni furzati ffinanzjati taħt programmi nazzjonali taħt l-AMIF u operazzjoni tal-Frontex) (il-paragrafi 94 sa 101).

Rakkomandazzjoni 4 – Jiġu aġġustati l-appoġġ għar-ritorn u l-istazzjonament tal-esperti fil-hotspots min-naħa tal-Frontex

Jenħtiegħ li l-Frontex:

- (a) tikkollabora mal-Kummissjoni biex tiżgura komplementarjetà u koordinazzjoni aħjar bejn l-appoġġ għar-ritorn iffinanzjat mill-Frontex u dak iffinanzjat mill-AMIF;
- (b) fil-kuntest tal-għadd baxx ta' operazzjonijiet ta' ritorn fil-Greċja, ma tibqax tistazzjona skorti bi profil wieħed li ma jkunux jistgħu jiġu stazzjonati għal operazzjonijiet fil-hotspots;
- (c) taġġusta l-pjan operattiv biex l-istazzjonament tal-persunal fil-hotspots (inklużi l-esperti tat-teħid tal-marki tas-swaba') fl-Italja jsir aktar risponsiv għax-xejriet tal-wasliet bil-baħar.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2020

161 Matul il-kriżi, il-biċċa l-kbira mill-migranti irregolari li vvjaġġaw lejn l-Ewropa waslu jew fl-Italja jew inkella fil-Greċja. Iż-żewġ Stati Membri evolwew minn pajjiżi ta' tranżitu għal pajjiżi fejn il-migranti japplikaw għall-asil (il-paragrafu 103).

162 Fil-Greċja, il-kapaċità tal-ipproċessar tal-GAS żdiedet mill-2015 'il hawn, iżda għadha mhix suffiċjenti biex tindirizza l-akkumulazzjoni li dejjem qed tiżdied ta' applikazzjonijiet pendenti għall-asil. Id-dikjarazzjoni UE-Turkija kellha impatt kbir fuq il-wasliet, iżda l-proċedura rapida fuq il-fruntiera, li hija l-pedament tagħha, mhix rapida biżżejjed. Għall-proċeduri regolari u aċċellerati, is-sitwazzjoni hija saħansitra aktar problematika, b'dati għall-intervisti li huma stabbiliti għall-2023 u l-2021 rispettivament. Il-volum kbir ta' każijiet ta' deċiżjonijiet negattivi fl-ewwel istanza se jiġi trasferit għall-istadju tal-appell, li ma għandux biżżejjed appoġġ u li huwa diġà mgħobbi żżejjed (il-paragrafi 104 sa 118).

163 Fil-kuntest tat-tnaqqis qawwi fil-wasliet u fl-applikazzjonijiet għall-asil, fl-Italja, il-kapaċità attwali tal-ipproċessar fl-ewwel istanza hija suffiċjenti. L-akkumulazzjoni sostanzjali eżistenti mistennija tiġi kklerjata sa tmiem l-2019. Madankollu, huwa

mistenni li din is-sitwazzjoni tirriżulta fi pressjoni qawwija fuq l-awtoritajiet tal-appell. Applikazzjoni għall-asil li ġiet ippreżentata fl-2015 ħadet aktar minn erba' snin biex tasal sal-istadju finali tal-appell. Mingħajr appoġġ adegwat, dan il-perjodu ta' żmien twil jista' jkompli jiżdied fil-futur (il-paragrafi [119](#) sa [129](#)).

Rakkomandazzjoni 5 – Tiġi rinfurzata l-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali ta' asil

Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-EASO, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali:

- (a) ikompli jżidu l-appoġġ tagħhom għall-GAS fl-ikklerjar tal-akkumulazzjoni dejjem tiżdied fl-ewwel istanza;
- (b) jipprovdu appoġġ lill-awtoritajiet tal-appell li huma mgħobbija żżejjed fil-Greċja u fl-Italja, filwaqt li jevitaw kunflitti ta' interess potenzjali għall-EASO fil-Greċja;
- (c) jipproponu miżuri li jippermettu l-ġbir sistematiku tad-*data* dwar il-prestazzjoni fir-rigward taż-żminijiet tal-ipproċessar (diżaggregata skont it-tip ta' proċedura u l-istadji importanti ewlenin) u tal-akkumulazzjoni (diżaggregata skont l-istadji importanti ewlenin, inklużi d-diversi stadji tal-appell) biex jiġu ffaċilitati t-tfassil tal-politiki u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, kif ukoll biex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2020

164 L-ammont ta' ritorni effettivi kien ħafna inqas minn dak tad-deċiżjonijiet ta' ritorn li ttieħdu miż-żewġ pajjiżi u mill-UE kollha. Aħna identifikajna għadd ta' raġunijiet għal din is-sitwazzjoni (il-paragrafi [130](#) sa [139](#)).

165 In-nuqqas ta' approċċ armonizzat fl-UE jaffettwa r-ritorn volontarju assistit u r-riintegrazzjoni. Aħna sibna dgħufijiet strutturali f'dak li jirrigwarda l-AVRR fl-Italja. Il-programm tal-AVRR fil-Greċja qed jilħaq l-oġettivi tiegħu, iżda l-pakkett ta' riintegrazzjoni jiġi offrut lil 26 % tal-applikanti biss. Faċilità ta' akkomodazzjoni ddedikata għall-AVRR hija eżempju ta' prassi tajba li żżid l-attraenza tal-iskema (il-paragrafi [140](#) sa [144](#)).

166 Ma tinġabar l-ebda *data* dwar il-ħeffa tal-proċeduri ta' ritorn. Barra minn hekk, ma hemmx indikaturi li jkejlu s-sostenibbiltà tar-ritorni, bħall-għadd ta' migranti li jiġu rritornati u li jippruvaw jerġgħu jiġu lejn l-UE jew is-suċċess tal-pakketti ta' riintegrazzjoni tal-AVRR (il-paragrafu [145](#)).

Rakkomandazzjoni 6 – Jingħata appoġġ ulterjuri għall-proċeduri nazzjonali ta' ritorn

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali:

- (a) tipprovdi, flimkien mal-Frontex, appoġġ ulterjuri biex jiġu indirizzati l-kawżi għall-għadd baxx ta' ritorni fil-Greċja u fl-Italja li ġew identifikati f'dan ir-rapport, filwaqt li tiffoka fuq l-għadd baxx ta' ritorni mill-gżejjer Griegi u fuq l-AVRR fl-Italja;
- (b) tieħu miżuri li jiżguraw li l-ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi għar-ritorn taċ-ċittadini tagħhom, bħall-ftehim ta' Cotonou u l-ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE, jiġu infurzati minn pajjiżi terzi u jintużaw bis-sħiħ mill-Istati Membri;
- (c) trawwem approċċ ikkoordinat fl-UE għall-assistenza għar-riintegrazzjoni f'pajjiżi terzi tar-ritorn;
- (d) tipproponi miżuri li jippermettu l-ġbir sistematiku ta' *data* dwar il-prestazzjoni li tirrigwarda l-ħeffa u s-sostenibbiltà tal-proċeduri ta' ritorn, biex tiffaċilita t-tfassil tal-politiki, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-riċerka.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: il-31 ta' Diċembru 2020

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sinjura Bettina Jakobsen, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-22 ta' Ottubru 2019.

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Klaus-Heiner Lehne
President

Annessi

Anness I - Implimentazzjoni finanzjarja (f' miljun EUR)

EMAS taħt I-AMIF:

Programmi ta' Ħidma Annwali	2014	2015	2016	2017	2018	2019	Total
EMAS taħt I-AMIF	25.0	131.5	414.9	402.5	126.6	25.0	1 125.5

Sors: Il-Kummissjoni tal-UE, ibbażat fuq il-Programmi ta' Ħidma Annwali ppublikati.

Programm nazzjonali taħt I-AMIF fil-Greċja:

Objettiv speċifiku	Allokazzjoni tal-programm nazzjonali	Impenji previsti fi tmiem I-2018 (**)	Impenji reali fi tmiem I-2018	Pagamenti reali fi tmiem I-2018	Livell ta' impenn previst	Livell ta' impenn reali	Differenza bejn I-impenji previsti u dawk reali
SO1 - Asil	129.7	98.2	101.7	23.6	76 %	78 %	-3 %
SO2 - Integrazzjoni	25.2	18.7	15.5	3.9	74 %	62 %	13 %
SO3 - Ritorn	132.9	98.6	73.8	51.2	74 %	56 %	19 %
Total (*)	287.8	215.6	191.0	78.7			

(*) L-allokazzjoni totali tal-programmi nazzjonali taħt I-AMIF għall-Greċja hija ta' EUR 328,3 miljun (inkluża s-solidarjetà u l-assistenza teknika).

(**) Ikkalkulati abbażi tal-ippjanar multiannwali tal-impenji fil-Programm nazzjonali.

Sors: Awtorità Responsabbli mill-AMIF, il-Greċja.

Programm nazzjonali taħt I-AMIF fl-Italja:

Objettiv speċifiku	Allokazzjoni tal-programm nazzjonali	Impenji previsti fi tmiem I-2018 (**)	Impenji reali fi tmiem I-2018	Pagamenti reali fi tmiem I-2018	Livell ta' impenn previst	Livell ta' impenn reali	Differenza bejn I-impenji previsti u dawk reali
SO1 - Asil	131.3	99.3	88.6	51.0	75.6 %	67.5 %	-8.1 %
SO2 - Integrazzjoni	159.0	115.0	144.1	63.6	72.3 %	90.7 %	18.3 %
SO3 - Ritorn	40.4	29.2	20.9	15.3	72.3 %	51.7 %	-20.6 %
Total (*)	330.7	243.5	253.6	130.0			

(*) L-allokazzjoni totali tal-programmi nazzjonali taħt I-AMIF għall-Italja hija ta' EUR 394,2 miljun (inklużi każijiet speċjali u l-assistenza).

(**) Ikkalkulati abbażi tal-ippjanar multiannwali tal-impenji fil-Programm nazzjonali.

Sors: Awtorità Responsabbli mill-AMIF, l-Italja.

Sostenn operazzjonali pprovdut mill-EASO:

EASO		2015	2016 ⁽¹⁾	2017	2018	
Il-Greċja	Baġit inizjali		8.6	27.2	24.5	
	Baġit emendat l-aktar reċenti		45.4	34.0	27.6	
	Impenji baġitarji regolari esegwiti	lċ-ċifri tal-baġit u tal-impnjenji mhumiex disponibbli għal kull pajjiż	25.2	33.4	26.9	
	Baġit inizjali mhux użat		0.0	0.0	0.0	
L-Italja	Baġit inizjali			8.6	8.0	14.5
	Baġit emendat l-aktar reċenti			45.4	14.5	19.5
	Impenji baġitarji regolari esegwiti		6.3	14.4	22.4	
	Baġit inizjali mhux użat		0.0	0.0	0.0	

(1) FI-2016, il-baġit ma nqasamx skont il-pajjiżi. lċ-ċifri relatati mal-baġit inizjali u emendat għall-2016 ikopru s-sostenn operazzjonali kollu kemm hu, inklużi pajjiżi oħra u spejjeż orizzontali.

Sors: L-EASO.

Appoġġ għar-Ritorn mogħti mill-Frontex:

Linja baġitarja 18 02 03, Appoġġ għar-ritorn	2015	2016	2017	2018
Baġit inizjali	9.5	66.6	66.6	53.8
Baġit emendat l-aktar reċenti	13.2	38.5	53.1	49.4
Impenji baġitarji regolari esegwiti	13.2	38.5	53.1	49.4
Baġit inizjali mhux użat	0.0	28.1	13.5	4.4

Sors: L-EBCGA.

Anness II - Valutazzjoni fil-qosor ta' kampjun ta' 20 azzjoni ta' appoġġ mill-UE fil-Greċja u fl-Italja

Numru tal-Proġett	Pajjiż	Numru ta' Referenza tal-Proġett	Titolu tal-Proġett	Status (f'Janjar 2019)	Ammont Inizjali Allokati (f'miljun EUR)	Ammont Reali (f'miljun EUR)	Kriterju 1 Rilevanza	Kriterju 2 Obiettivi SMART/Indikaturi RACER	Kriterju 3 Edda trikkib	Kriterju 4 Emerġenza ġġustifikata	Kriterju 5 Tranżizzjoni lejn programm nazzjonali taħt I-AMIF	Kriterju 6 Riżultati miksuba	Kriterju 7 Monitoraġġ tar-rappurtar dwar ir-riżultati
EMAS-GR-1	Il-Greċja	HOME/2016/AMIF/AG/EMAS/0039	L-iżgurar ta' proċess ta' asil ġust u effiċjenti, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-ftehim UE-Turkija	Ikkompletat	2.1	1.2							
EMAS-GR-2	Il-Greċja	HOME/2015/AMIF/AG/EMAS/0016	Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom (5 sottoazzjonijiet)	Ikkompletat	2.5	1.7							
EMAS-GR-3	Il-Greċja	HOME/2016/MULT/IM/UNHC/0001	Appoġġ lill-Greċja għall-iżvilupp tal-iskema tal-hotspots/ta' rlokazzjoni, kif ukoll għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' akkoljenza għal dawk li jitolbu l-asil	Ikkompletat	75	75							
EMAS-IT-1	L-Italja	HOME/2017/AMIF/AG/EMAS/0074	Azzjoni ta' appoġġ għat-taqsimiet tal-asil ta' uffiċċji tal-immigrazzjoni u ta' uffiċċji tal-pulizija tal-fruntieri	Għadu għaddej	11.9	M/A						I-attivitajiet tal-proġett għadhom ma nbdewx	I-attivitajiet tal-proġett għadhom ma nbdewx
EMAS-IT-2	L-Italja	HOME/2017/AMIF/AG/EMAS/0076	Ritorn volontarju assistit u riintegrazzjoni mill-Italja	Għadu għaddej	6.1	6.7							
EMAS-IT-3	L-Italja	HOME/2016/AMIF/AG/EMAS/0048	Servizzi ta' akkoljenza għal migranti eliġibbli għar-rlokazzjoni	Ikkompletat	17.0	10.7					rlokazzjoni mltmuma		
GR-1	Il-Greċja	5003616 GR_2017_PR_0002	Appoġġ għall-ikklerjar tal-akkumulazzjoni ta' appelli fil-proċedura ta' asil fil-Greċja	Ikkompletat	2.2	1.9				Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Programm Nazzjonali taħt I-AMIF		
GR-2	Il-Greċja	5004578 GR_2017_PR_0004	Tisħiħ tal-proċess ta' asil	Għadu għaddej	10.0	19.2				Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Programm Nazzjonali taħt I-AMIF		
GR-3	Il-Greċja	5002787 GR_2017_PR_0010	Strutturi u prestazzjoni operazzjonali taċ-ċentri ta' qabel it-tluq	Għadu għaddej	11.9	46.3				Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Programm Nazzjonali taħt I-AMIF		
GR-4	Il-Greċja	5003182 GR_2017_PR_0012	L-infurzar ta' ritorni furzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi	Għadu għaddej	9.4	9.5				Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Programm Nazzjonali taħt I-AMIF		
GR-5	Il-Greċja	5003202 GR_2017_PR_0013	L-implimentazzjoni ta' ritorni volontarji assistiti, inkluża r-riintegrazzjoni	Għadu għaddej	32.4	32.4				Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Programm Nazzjonali taħt I-AMIF		
IT-1	L-Italja	IT/2015/PR/1003	Azzjoni ta' assistenza 1	Ikkompletat	1.2	1.0				Programm Nazzjonali taht I-AMIF	Programm Nazzjonali taht I-AMIF		
IT-2	L-Italja	IT/2016/PR/0205	Integrazzjoni mar-ritorn 3	Ikkompletat	1.1	0.7				Programm Nazzjonali taht I-AMIF	Programm Nazzjonali taht I-AMIF		
IT-3	L-Italja	IT/2016/PR/0312	RESTART AVRR	Ikkompletat	8.0	1.2				Programm Nazzjonali taht I-AMIF	Programm Nazzjonali taht I-AMIF		
IT-4	L-Italja	IT/2017/PR/1019	Ritorni furzati	Ikkompletat	27.5					Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Programm Nazzjonali taħt I-AMIF	Data disponibbli biss għall-ewwel sentejn mill-5 snin tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett	
IT-5	L-Italja	IT/2017/PR/1494	Appoġġ għal bosta azzjonijiet	Għadu għaddej	7.6					Programm Nazzjonali taht I-AMIF	Programm Nazzjonali taht I-AMIF	għadu għaddej	
EASO-GR	Il-Greċja		Sostenn operazzjonali għall-Greċja fl-2018	Ikkompletat	24.5	26.9							
EASO-IT	L-Italja		Sostenn operazzjonali għall-Italja fl-2018	Ikkompletat	14.5	22.4							
FRONTEX-GR	Il-Greċja		Appoġġ għar-ritorn fil-Greċja fl-2018	Ikkompletat	Ebda allokazzjoni speċifika għall-pajjiż	4.0				appoġġ ipprovdut fl-Istati Membri kollha	appoġġ ipprovdut fl-Istati Membri kollha		
FRONTEX-IT	L-Italja		Appoġġ għar-ritorn fl-Italja fl-2018	Ikkompletat	Ebda allokazzjoni speċifika għall-pajjiż	6.5				appoġġ ipprovdut fl-Istati Membri kollha	appoġġ ipprovdut fl-Istati Membri kollha		

	Mhux sodisfaċenti
	Parzjalment sodisfaċenti
	Sodisfaċenti
	Mhux Applikabbli

Anness III - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-approċċ hotspot

Rakkomandazzjoni	Status	Kummenti
<p>1.1. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenziji rilevanti, tipprovdi appoġġ ulterjuri lill-Greċja fl-indirizzar tan-nuqqas ta' kapaċità fil-hotspots billi:</p> <ul style="list-style-type: none"> - ittejjeb il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni fuq il-gżejjer fejn jinsabu l-hotspots; - tħaffef l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-asil (b'appoġġ mill-EASO), filwaqt li tipprovdi informazzjoni ċara lill-migranti dwar kif u meta l-applikazzjonijiet tagħhom se jiġu pproċessati; - tinforza l-proċeduri eżistenti ta' ritorn, fejn xieraq (b'appoġġ mill Frontex). 	Qed tiġi implimentata	Il-Kummissjoni, l-EASO u l-Frontex ipprovdew appoġġ ulterjuri biex tiżdied il-kapaċità tal-hotspots Griegi billi ffinanzjaw proġetti ta' infrastruttura ġodda, appoġġaw lill-persunal kuntrattwali kollu tal-GAS u wettqu l-operazzjonijiet kollha ta' riammissjoni lejn it-Turkija. Madankollu, xorta waħda huwa meħtieġ aktar appoġġ, billi s-sitwazzjoni fuq il-post għadha kritika.
<p>1.2. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenziji rilevanti, tappoġġa aktar l-isforzi tal-Italja biex iżżid l-għadd ta' hotspots, kif oriġinarjament ippjanat, u biex tieħu miżuri ulterjuri biex testendi l-approċċ hotspot sabiex dan ikun ikopri wkoll l-iżbarki li jsiru lil hinn mil-lokalitajiet hotspot fissi.</p>	Implimentata	
<p>2.1. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenziji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, tgħin lill-awtoritajiet kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja biex jieħdu l-miżuri kollha possibbli sabiex jiżguraw li l-minorenni mhux akkumpanjati li jaslu bħala migranti jiġu ttrattati skont standards internazzjonali, inkluż billi jingħataw kenn adegwat, protezzjoni, aċċess għal u prijoritizzazzjoni fil-proċeduri ta' applikazzjoni għall-asil kif ukoll il-possibbiltà li jiġu kkunsidrati għar-rilokazzjoni.</p>	Qed tiġi implimentata	Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ ulterjuri billi ffinanzjat proġetti ta' infrastruttura ġodda biex titjeb is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati. F'Diċembru 2018, l-EASO beda proġett biex jindirizza s-sitwazzjoni urġenti f'Samos. Madankollu, xorta waħda huwa meħtieġ aktar appoġġ fil-Greċja, billi s-sitwazzjoni fuq il-post għadha kritika.
<p>2.2. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinsisti li jinħatar uffiċjal għall-protezzjoni tat-tfal għal kull hotspot/sit.</p>	Ġiet implimentata mill-Kummissjoni	Il-Kummissjoni insistiet dwar il-ħatra, iżda l-awtoritajiet Taljani ma ħatrux uffiċjali għall-protezzjoni tat-tfal fil-hotspots.
<p>2.3. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Aġenziji rilevanti jassistu aktar lill-awtoritajiet responsabbli permezz tal-provvediment ta' taħriġ u ta' parir legali, u li jkomplu jimmonitorjaw is-sitwazzjoni u jirrapportaw dwar l-azzjoni li tkun ittiegħet u l-progress li jkun inkiseb.</p>	Implimentata	

<p>3.1. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-Aġenziji jkomplu jitolbu lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar esperti sabiex ikopru l-ħtiġijiet attwali aħjar.</p>	<p>Implimentata mill-Kummissjoni u mill-Aġenziji</p>	<p>Nuqqas kostanti ta' esperti pprovduti mill-Istati Membri għall-operazzjonijiet tal-EASO fil-Greċja u fl-Italja.</p>
<p>3.2. Jenħtiegħ li l-iskjerament ta' esperti mill-Istati Membri jkun fit-tul biżżejjed u jkun jikkonforma mal-profil mitluba biex l-appoġġ li jingħata mill-Frontex, mill-EASO u mill-Europol lill-Greċja u lill-Italja jkun effiċjenti u effettiv biżżejjed.</p>	<p>Mhux implimentata</p>	<p>Fl-2018, id-durata medja tal-istazzjonament ta' esperti mill-EASO u mill-Frontex kompliet tkun ta' inqas minn xahrejn. Fil-Greċja, fil-kuntest tal-għadd baxx ta' ritorni, is-sehem ta' skorti esperti bi profil wieħed huwa għoli.</p>
<p>4.1. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenziji u l-awtoritajiet nazzjonali, tistipula b'mod aktar ċar ir-rwol, l-istruttura u r-responsabbiltajiet tat-Task Force Reġjonali tal-UE fl-approċċ hotspot.</p>	<p>Implimentata</p>	
<p>4.2. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-Aġenziji jkomplu jinsistu li, mill-Italja u mill-Greċja, tinħatar persuna waħda li tkun inkarigata mill-ġestjoni u mill-funzjonament globali ta' kull żona hotspot individwali fuq bażi aktar permanenti, kif ukoll dwar l-istabbiliment ta' proċeduri operattivi standard għal hotspots fil-Greċja.</p>	<p>Implimentata</p>	
<p>5.1. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni u l-Aġenziji jevalwaw, sa tmiem l-2017, l-istruttura u l-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot sa issa u jippreżentaw suġġerimenti għal żvilupp ulterjuri. Jenħtiegħ li dawn jinkludu mudell standard ta' appoġġ li għandu jiġi applikat għal movimenti migratorji futuri fuq skala kbira, id-definizzjoni ta' rwoli u responsabbiltajiet differenti, ir-rekwiżiti minimi għall-infrastruttura u għar-riżorsi umani, it-tipi ta' appoġġ li għandu jiġi pprovdut, u l-proċeduri operattivi standard.</p>	<p>Implimentata</p>	
<p>5.2. Jenħtiegħ ukoll li din l-analiżi tivvaluta l-ħtieġa għal aktar kjarifiki tal-qafas legali għall-approċċ hotspot bħala parti mill-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.</p>	<p>Implimentata</p>	<p>Il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Proċeduri Operattivi Standard tal-Hotspots jenħtiegħ li jieħdu l-għamla ta' att legali, deċiżjoni jew ċirkolari governattiva jew ministerjali, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istat Membru ospitanti. Fl-Italja, il-Proċeduri Operattivi Standard tal-Hotspots ġew trażmessi lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati f'ċirkolari f'Diċembru 2016. Fil-Greċja, il-Proċeduri Operattivi Standard ġew ippubblikati u distribwiti permezz ta' ċirkolari amministrattiva fl-2017.</p>

Anness IV - Implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF

Il-Greċja

Il-proġett **GR-1**, li huwa l-uniku proġett ikkompletat fil-kampjun għall-Greċja, ma laħaqx l-oġettiv prinċipali tiegħu kompletament, jiġifieri li jikklerja l-akkumulazzjoni ta' każijiet ta' asil fit-tieni istanza (14 % mill-każijiet fit-tieni istanza kienu baqgħu ma ġewx ikklerjati). Il-proġett seta' bbenefika minn estensjoni, iżda din intalbet tard wisq u għet imfixkla minn tilwim legali rigward ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-Kumitat tal-Appelli Pendenti. Meta ntemm il-proġett, 20 % mill-baġit għall-proġett baqa' ma ntużax. Minkejja l-akkumulazzjoni dejjem tiżdied (ara wkoll il-paragrafi **106** u **107**) li għadha xxekkel il-proċedura ta' asil, aħna osservajna wkoll li l-ebda proġett ġdid ma ġie pplanat biex jindirizza l-akkumulazzjoni ta' wara l-2013.

Fost il-proġetti awditjati li għadhom għaddejnin, il-proġett **GR-2** dwar ir-rinforz tal-proċess ta' asil qed jilħaq il-miri tiegħu f'termini tar-reklutaġġ ta' persunal għat-tisħiħ tal-GAS. Madankollu, il-miri stabbiliti jistgħu jkunu insuffiċjenti fid-dawl tal-pressjoni kontinwa mill-influssi stabbli ta' migranti lejn il-Greċja.

Fil-kuntest tal-proġett **GR-3** li jappoġġa ċ-ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija, aħna żorna ċ-ċentru f' Amygdaleza u sibna li l-kundizzjonijiet huma aċċettabbli. Madankollu, skont rapport mill-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura⁵¹ tal-Kunsill tal-Ewropa, il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni ta' qabel it-tneħħija jvarjaw ħafna. F'xi wħud, il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni kienu bejn ħżiena ħafna u inaċċettabbli, b'affollament eċċessiv u nuqqas ta' iġjene fiċ-ċelel.

Il-proġett **GR-4** jappoġġa l-infurzar ta' ritorni furzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Minħabba r-rata baxxa ħafna ta' ritorni furzati, mhuwiex probabbli li l-proġett jilħaq il-miri tiegħu (ara wkoll il-paragrafi **130** sa **139**).

Sa issa, il-proġett **GR-5** dwar ritorni volontarji assistiti laħaq il-miri tiegħu. Madankollu, il-pakkett ta' riintegrazzjoni attwalment huwa offrut biss lil 26 % tal-kandidati għall-AVRR. L-ilħuq tal-miri annwali riġidi b' devjazzjoni ta' +/-10 % jirrappreżenta sfida, billi bosta fatturi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-migranti biex jibbenefikaw mill-AVRR (is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini, l-istatus tal-familja, problemi tas-saħħa, eċċ).

⁵¹ Rapport lill-Gvern Grieg dwar iż-żjara fil-Greċja mwettqa mill-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) mill-10 sad-19 ta' April 2018, Strasburgu, id-19 ta' Frar 2019.

L-Italja:

Il-proġett **IT-1** laħaq il-miri tiegħu, iżda l-ftit indikaturi stabbiliti ma kinux suffiċjenti biex jiddimostraw l-ilħuq tal-oġġettivi ppjanati. Pereżempju, ma kien hemm l-ebda mira stabbilita għall-monitoraġġ tal-ilħuq tal-oġġettiv relatat mal-identifikazzjoni u massenjalar ta' każijiet vulnerabbli. Il-proġett nefaq 84 % mill-baġit tiegħu.

Iż-żewġ proġetti tal-AVRR, IT-2 u IT-3, kellhom prestazzjoni insuffiċjenti. Il-**Kaxxa 12** tagħti aktar informazzjoni dwar il-problemi relatati mal-AVRR fl-Italja.

Il-proġett **IT-2**, li ġie implimentat mill-Consiglio Italiano per i Rifugiati, irnexxielu jirritorna 49 % biss mill-migranti, meta mqabbel ma' dak li kien ippjanat inizjalment, minkejja li l-proġett ġie estiż bi tliet xhur. Il-baġit tiegħu wkoll intnefaq b' mod insuffiċjenti, b'perċentwal ta' 35 %.

Il-proġett **IT-3**, li ġie implimentat mill-IOM, laħaq biss 12 % sa 28 % tal-miri tiegħu u nefaq biss 15 % mill-baġit tiegħu. L-awtoritajiet Taljani ssuspendew dan il-proġett taħt l-AMIF u minflok iddeċidew li jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-IOM relatati mal-AVRR bl-użu biss ta' riżorsi baġitarji nazzjonali (mingħajr l-appoġġ tal-UE).

Il-proġett **IT-4** kien proġett żviluppat mill-Ministeru għall-Intern dwar ir-ritorni furzati. Il-ftehim ta' għotja ġie ffirmat f' Settembru 2017 biex ikopri l-perjodu 2014-2018. L-attivitajiet implimentati fl-ewwel sentejn (2014 u 2015) irrappreżentaw madwar 70 % tal-miri globali u 67 % tal-baġit. Fiż-żmien meta sar l-awditu, l-awtoritajiet Taljani ma kinux għadhom għadhom *d-data* dwar l-indikaturi u l-ispejjeż għall-2016, l-2017 u l-2018.

Il-proġett **IT-5**, li għadu għaddej, jinkludi attivitajiet relatati mat-taħriġ, mal-identifikazzjoni ta' migranti bi bżonnijiet speċjali, u mal-forniment ta' informazzjoni u assistenza. Filwaqt li l-oġġettiv tat-taħriġ diġà nqabeż, iż-żewġ oġġettivi l-oħra għadhom ma ntlax għar-raġunijiet li ġejjin: a) diffikultajiet fl-identifikazzjoni jew fl-involviment tal-benefiċjarji finali; b) nuqqas ta' komunikazzjoni dwar il-wasliet ta' migranti mill-kontropartijiet lokali; c) it-tnaqqis sinifikanti fil-wasliet fl-2018. Il-proġett huwa skedat li jkompli sa tmiem l-2019. Fiż-żmien meta sar l-awditu, l-awtoritajiet kienu qed jikkunsidraw li jaġġustaw il-miri.

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

AMIF: Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

AVRR: Ritorn Volontarju Assistit u Riintegrazzjoni

CMEF: Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni

EASO: Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil

EMAS: Assistenza ta' Emerġenza

EURODAC: Database dattiloskopika Ewropea tal-marki tas-swaba'

Frontex: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

GAS: Servizz tal-Asil Grieg

IOM: Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni

NAC: Kummissjoni Nazzjonali għall-Asil fl-Italja

NP: Programm Nazzjonali

RACER: Rilevanti, Aċċettati, Kredibbli, Faċli u Robusti

SMART: Speċifiċi, Li jistgħu jitkejlu, Li jistgħu jintlaħqu, Rilevanti, Marbuta mal-ħin

UNHCR: Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati

Glossarju

Applikazzjoni għall-asil: Talba formali għall-protezzjoni internazzjonali. Mill-mument li fih l-applikant jesprimi l-intenzjoni tiegħu li japplika għall-asil, l-applikazzjoni tiegħu titqies bħala li tkun ġiet ippreżentata u huwa jibbenefika mid-drittijiet tal-applikanti għall-asil. L-applikazzjoni mbagħad tiġi rreġistrata mill-Istati Membri u titqies bħala li tkun ġiet ippreżentata ladarba din tasal għand l-awtoritajiet kompetenti.

Asil: Forma ta' protezzjoni internazzjonali li l-UE tagħti fit-territorju tagħha lil dawk li jitqiesu bħala rifuġjati skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jiġifieri dawk li jaħarbu mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom minħabba biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni, jew li inkella jikkwalifikaw għal protezzjoni sussidjarja.

Ċentru ta' detenzjoni: Faċilità li fiha jinżammu ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu suġġetti għal proċeduri ta' ritorn sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess fil-każijiet fejn ikun hemm ir-riskju li persuni rimpatrijati jaħarbu jew jagħmlu reżistenza.

Deċiżjoni ta' ritorn: Att amministrattiv jew ġudizzjarju li jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz huwa illegali u li jimponi l-obbligu ta' ritorn.

Dikjarazzjoni UE-Turkija: Sensiela ta' punti ta' azzjoni, maqbula bejn il-Kunsill Ewropew u t-Turkija fil-laqgħa tagħhom tat-18 ta' Marzu 2016, li jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari minn ġot-Turkija lejn l-UE. Skont din id-dikjarazzjoni, il-migranti irregolari l-ġodda kollha li jaslu fil-gżejjer Griegi wara l-20 ta' Marzu 2016 jiġu rritornati lejn it-Turkija. Hija introduċiet ukoll skema ta' risistemazzjoni għas-Sirjani.

Hotspot: Faċilità li tinsab f'punt fuq il-fruntiera esterna tal-UE li jiffaċċja pressjoni migratorja qawwija u li taġixxi bħala l-ewwel ċentru ta' akkoljenza fejn il-migranti li jaslu jiġu identifikati, rreġistrati u jitteħdulhom il-marki tas-swaba'.

Migrant irregolari: Persuna li tkun f'pajjiż mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa skont il-liġi dwar l-immigrazzjoni.

Migrazzjoni: Il-moviment ta' persuna, jew ta' grupp ta' persuni, minn naħa għal oħra ta' fruntiera internazzjonali jew inkella ġewwa Stat, għal perjodu ta' aktar minn sena, irrISPettivament mill-kawżi u l-mezzi.

Proċedura ta' ammissibilità: Valutazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiddeterminaw jekk applikazzjoni għall-asil għandhiex tiġi ammessa, jiġifieri eżaminata fuq il-merti tagħha. Applikazzjoni titqies bħala inammissibbli jekk applikant ikun ingħata protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor tal-UE, jekk ikun ġie minn

pajjiż ta' oriġini sikur, minn pajjiż terz sikur jew mill-ewwel pajjiż ta' asil, jew jekk ikun ippreżenta applikazzjoni sussegwenti mingħajr elementi ġodda.

Protezzjoni sussidjarja: Il-forma ta' protezzjoni li tingħata lil ċittadin ta' pajjiż terz li ma jikkwalifikax bħala rifuġjat iżda li jekk jiġi rritornat lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu, jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli, li ma jkunx jista' jipproteġi lilu nnifsu minn xi tip ta' dannu serju li mhuwiex kopert mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

Protezzjoni umanitarja: Forma ta' protezzjoni li tingħata lil dawk li la jkunu eliġibbli għall-asil u lanqas għall-protezzjoni sussidjarja, iżda li madankollu ma jkunux jistgħu jirritornaw f'pajjiżhom fid-dawl ta', pereżempju, ċirkustanzi personali bħal saħħa ħażina jew età (inklużi minorenni mhux akkumpanjati), diżastri naturali jew kunflitt armat.

Questura (plural: questure): Il-korp inkarigat mis-sigurtà pubblika fil-livell provinċjali fl-Italja, li jkollu responsabbiltajiet amministrattivi relatati mal-immigrazzjoni.

Rata ta' rikonoxximent: Is-sehem ta' deċiżjonijiet pożittivi fl-għadd totali ta' deċiżjonijiet dwar l-asil għal kull stadju tal-proċedura ta' asil.

Rata ta' ritorn: Il-proporzjon bejn l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li effettivament jiġu rritornati u l-għadd ta' migranti li jiġu ordnat sabiex jtilqu mill-UE f'sena partikolari. Miżura mhux perfetta tal-effettività tar-ritorni minħabba l-perjodu latenti bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni u r-ritorn effettiv.

Rifuġjat: Persuna li tkun ġiet sfurzata taħrab minn pajjiżha minħabba persekuzzjoni, gwerra jew vjolenza.

Rilokazzjoni: It-trasferiment ta' persuni li jkollhom probabbiltà għolja li jingħataw asil minn Stat Membru tal-UE għal ieħor.

Tluq volontarju: Tluq deċiż liberament mill-migrant li jkun f'soġġorn illegali, f'konformità mal-limitu ta' żmien impost għal dan il-għan fid-deċiżjoni ta' ritorn.

Unità ta' Dublin: Id-dipartiment ta' awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-asil u responsabbli għall-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin III.

Valutazzjoni tal-eliġibbiltà: Proċedura biex jiġi ddeterminat jekk applikant jikkwalifikax għall-asil minħabba raġunijiet ta' biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

Risposti tal-Kummissjoni u tal-Aġenziji

Kummissjoni: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=52087>

EASO: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=52146>

Frontex: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=52147>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=52089>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar, Azzjoni esterna/Sigurtà u ġustizzja, li hija mmexxija minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Leo Brincat, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Romuald Kayibanda, Kap tal-Kabinett, u Annette Farrugia, Attaché tal-Kabinett; Sabine Hiernaux-Fritsch, Maniġer Prinċipali; Andrej Minarovic, Kap tal-Komputu; Emmanuel-Douglas Hellinakis u Florin-Alexandru Farcas, Awdituri. Hannah Critoph ipprovdiet appoġġ lingwistiku.



Mix-xellug għal-lemin: Andrej MINAROVIC, Hannah CRITOPH, Annette FARRUGIA, Leo BRINCAT, Mirko IACONISI, Romuald KAYIBANDA, Emmanuel-Douglas HELLINAKIS, Florin-Alexandru FARCAS.

© Unjoni Ewropea, 2019.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

MT	PDF	ISBN 978-92-847-3941-7	doi:10.2865/175403	QJ-AB-19-021-MT-N
MT	HTML	ISBN 978-92-847-3940-0	doi:10.2865/757349	QJ-AB-19-021-MT-Q

F'dan l-awditu, aħna vvalutajna jekk l-azzjoni ta' appoġġ li ġiet iffinanzjata mill-UE favur il-Greċja u l-Italja kinitx laħqet l-oġġettivi tagħha, u jekk il-proċeduri ta' asil u ta' ritorn kinux effettivi u rapidi. Aħna vvalutajna wkoll jekk l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza kinux laħqu l-miri u l-oġġettivi tagħhom. Aħna nikkonkludu li hemm disparitajiet bejn l-oġġettivi tal-appoġġ li ngħata mill-UE u r-riżultati li nkisbu. L-iskemi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza ma laħqux il-miri tagħhom. Minkejja li kien hemm żieda fil-kapaċità tal-awtoritajiet Griegi u Taljani, l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' asil qed tkompli tiġi affettwata minn żminijiet tal-ipproċessar li huma twal u minn konġestjonijiet. Bħal fil-bqija tal-UE, l-ammont ta' ritorni mill-Greċja u mill-Italja huwa baxx, għar-raġunijiet li ġew identifikati f'dan ir-rapport.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

© Unjoni Ewropea, 2019.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.